# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 623/2018**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Grace GATT**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Jannar 2022 fil-konfront ta' Grace GATT (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 34568G) li ġiet mixlija talli:

   F'dawn il-Gżejjer, f'Jannar 2016 u fil-jiem u l-ġimgħat li jiġu immedjatament qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda : -

   (i) B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlet titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' madwar aktar minn Ewro 5000 għad-dannu ta' Anthony Busuttil;

(ii) Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qliegħ b'qerq ta' aktar minn Ewro 5000;

(iii) Kif ukoll talli ħadmet bħala gwardjan privat jew hekk offriet is-servizzi tagħha ta' investigazzjoni privata, meta hi kienet taf li ma kellhiex liċenzja taħt il-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Kif ukoll talli rrendiet ruħa reċediva b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, sentenzi li ġew reżi definittivi u għalhekk ma jistgħu jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt li ma sabitx ħtija fl-imputata qua appellanta għall-addebitu tar-reċediva kif miġjuba fir-raba' imputazzjoni u tillibreha minnha u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Grace GATT ħatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundannata għal multa ta' elf euro (€1000) u għal tmintax-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li s-sentenza ta' priġunerija ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza, hija tikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Ai fini tal-Artikolu 15A u tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat ukoll lill-ħati sabiex iħallas lill-parti offiża s-somma ta' ħamest elef euro (€5000) bħala danni b'kumpens għat-telfien soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat tra truffa li tiegħu nstab ħati u dan fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi GATT appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabitha mhux ħatja jew astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-akkuża u tilliberaha mill-kumplament tal-imputazzjonijiet sabiex b'hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

(i) Il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx inkluż fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk il-Qorti ma setgħetx tinkwadrah bħala reat li kellha tikkunsidra. Mingħajr preġudizzju, meta l-appellanta

għamlet lill-parte leża l-offerta ta' servizzi ta' private investigator, hija kienet qiegħda Grenada u għalhekk għandu japplika l-Artikolu 5 ta' fejn ikun se jsir ir-reat. Għalhekk wieħed irid jara illi l-intenzjoni ta' dik l-offerta ma kienetx biex isir xogħol ġewwa Malta u hekk huwa barra t-territorju Malti, allura jekk mhemmx l-artikolu li jdaħħalha fil-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin. Din l-akkuża ma setgħet bl-ebda mod tiġi kkunsidrata minn Qorti Maltija meta l-intenzjoni tal-partijiet u kull diskors li kienu qiegħdin jagħmlu bejnithom ma kienx xi ħaġa li kellha ssir hawn Malta imma li se ssir barra minn Malta. Ix-xhieda kollha jaqblu li xejn ma kellu jsir hawn Malta imma kollox kellu jsir barra minn Malta. Ċertament ma japplikax l-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li jikkostitwixxi reat f'Malta il-fatt allegat, li jkun anke meta ġara, barra minn Malta.

(ii) Inverżjoni tal-prova kontra d-divjet tal-Kostituzzjoni : il-Qorti tista' ma temminhiex u tista' tiskartaha imma ma tistax tgħidilha inti ħatja għax din il-prova ma ġibthiex. Il-prova tibqa' dejjem skont dak il-prinċipju incumbit a qui dici non a qui negat. Dan il-fatt jaffetwa s-sentenza dwar il-qliegħ innominat.

(iii) Truffa, frodi nnominata u danni ċivili: persistenement il-ġurisprudenza tgħid illi kliem menzjonier jew ftaħir mhux biżżejjed biex jinkwadra r-reat ta' truffa. Bil-paroli biss ma tasal imkien. L-appellanta tagħmel referenza għall-insenjament ġurisprudenzjali fil-kawża Pulizija vs. Christopher Agius f'dan ir-rigward, u bl-istess mod hawnhekk tistaqsi fejn hija l-messa in scena?

(iv) L-akkuża taħt it-309: hawnhekk l-appellanta tagħmel referenza għal kawża Il-Pulizija vs. Stephen Borg Cole fejn fis-sustanza hemmhekk il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat li l-appellant ma kienx aġixxa b'mod li fih jista' jikkonfigura d-dolo rikjest għal sejbien ta' ħtija taħt l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u li fil-pessima ipoteżi fin-nuqqas tal-element formali tar-reat l-iktar li seta' kien passibbli l-appellat kien għal proċeduri ċivili iżda ċertament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il-proċeduri penali.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Man ġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**,

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti

---

1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

20. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta flismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in

the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet

professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-

każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Analiżi legali b'rabta mal-ewwel aggravju tal-appellanta.

27. Illi l-Qorti wara, li eżaminat l-atti proċesswali ma tistax taqbel mal-appellanta fejn din sostniet li l-Avukat Ġenerali m'għamlitx referenza għall-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rinviju maħruġ ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jinsab preċiżament fir-raba' paragrafu tan-nota għar-rinviju għall-ġudizzju li

tinsab f'paġna 353 tal-atti fejn l-Avukat Ġenerali xliet formalment lill-appellant bir-reat dedott taħt l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

28. Kwantu għall-meritu tal-ewwel aggravju, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li kull min jaħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardan privat jew hekk joffri servizzi ta' gwardjan privat, għandu jopera permezz ta' liċenza, skont applikazzjoni li ssir għaliha ai termini tal-Artikolu 6 tal-istess Kapitolu u tinħareġ mill-Kummissarju tal-Pulizija. B'hekk kull min jinqabad jaħdem jew anke joffri servizzi ta' gwardjan privat mingħajr ma jkun awtorizzat b'liċenza mogħtija kif ingħad, isir ħati ta' reat ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

29. "Gwardjan privat" tfisser individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati inklużi dawk is-servizzi f'post ta' divertiment u servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati;

30. Gwardjan privat għalhekk tfisser individwu li huwa impjegat jew li jaħdem ma aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati. Jeħtieġ allura li wieħed jara x'tifhem il-Liġi wkoll bil-kliem "aġenzija ta' gwardjani privati" kif ukoll "servizzi ta' gwardjani privati".

31. "Aġenzija ta' gwardjani privati" tfisser kull individwu jew għaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta' gwardjani privati jew servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati u tinkludi kull individwu jew għaqda bħal dawk li jimpjegaw jew iħaddmu gwardjani privati;

32. "Servizzi ta' gwardjani privati" tfisser, fost affarijiet oħra, kull servizz ta' gwardjani... mogħti minn individwu jew minn għaqda ta' persuni, korporata jew le, dwar servizzi ta' investigazzjoni privati.

33. "Servizzi ta' investigazzjoni privati" imbagħad tfisser, fost affarijiet oħra, il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta', xi

persuna jew korp ta' persuni, kif ukoll stħarriġ dwar persuni jew proprjetà mitlufa.

34. Minsuġa flimkien dawn it-tifsiriet allura jwassal għall-konklużjoni li l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ liċenza maħruġa skont l-Artikolu 6 tal-istess Kap kemm sabiex wieħed **jagħti** servizzi ta' investigazzjoni privata kif ukoll sabiex sempliċement **joffri** għall-provvista ta' dawn l-istess servizzi. Il-Leġislatur ried li anke biex persuna tkun tista' toffri s-servizz ta' investigatur privat, hija trid xorta tgħaddi mill-proċess ta' liċenzar u tkun effettivament irnexxielha tottjeni liċenza mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija. Min joffri servizzi ta' investigatur privat mingħajr tali liċenza jikkommetti reat kontra dan il-Kap 389.

35. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellanta ma kellhiex fil-pussess tagħha tali liċenza. Iżda fl-appell tagħha hija ssostni li ma setgħet qatt tinqabad bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta peress li hija ma pprestatx servizzi kwalifikati f'Malta u l-anqas offriet li dawn is-servizzi jitwettqu f'Malta. L-argument tagħha huwa li l-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta biex jiġġudikaw reati, ma jestendix l-applikazzjoni tiegħu għal dawk il-każijiet fejn il-fatt ikun twettaq barra minn Malta ħlief f'dawk l-istanzi li jsemmi fih. L-appellanta ssostni li s-servizzi tagħha kienu intiżi li jingħataw mhux f'Malta iżda barra minn Malta. B'hekk ma kienetx teħtieġ liċenza, almenu skont il-Liġi Maltija.

36. Kif intqal, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta ma jikkontemplax biss il-provvista tas-servizzi ta' investigazzjoni privata mingħajr liċenza iżda wkoll l-offerta tagħhom. Il-qasam tal-investigazzjoni privata evolva ferm tul dawn l-aħħar deċenni. F'dinja teknoloġikament avvanzata eżistenti, l-għoti jew l-offerta ta' servizzi t'investigazzjoni privata ma ssirx biss bil-preżenza fiżika ta' l-investigatur privat f'territorju ta' xi Stat partikolari. Is-servizzi t'investigazzjoni privata illum jistgħu jingħataw minn kull post fid-dinja grazzi għal sistemi ta' informatika li dejjem iżjed saru jegħlbu l-fruntieri Statali. B'hekk persuna minn Malta tista' tipprovdi servizzi ta' investigazzjoni privata li jolqtu persuna li tkun tinsab barra minn Malta. Daqskemm persuna li tkun tinsab barra minn Malta tista' tippresta servizzi ta' investigazzjoni privata fir-rigward ta' persuna li tkun tinsab f'Malta. Fiż-żewġ ċirkostanzi, kemm is-suġġett kif ukoll l-oġġett tal-investigazzjoni privata jista' jkollu rabta diretta mat-territorju Malti f'kollox jew f'parti minnhom.

37. Il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jidħolx fid-dettall dwar liema jistgħu jkunu dawk is-servizzi jew atti partikolari li jkunu mwetqa u li jwaslu għall-ksib ta’ tagħrif dwar persuna mistħarġa u li allura jkunu jikkwalifikaw bħala li jagħmlu parti mill-iżvolġiment ta’ operazzjonijiet t’investigazzjoni privata. L-attivita ta’ investigazzjoni privata tista’ testendi għal diversi atti li jkunu magħmulin f’territorju partikolari jew b’riferenza għal persuni li jkunu jinsabu f’dak it-territorju partikolari kemm bħala suġġetti kif ukoll jekk ikunu oġġetti tal-investigazzjoni privata kif ukoll f’dawk li effettivament ikunu qegħdin iwetqu dawk l-attivitajiet ta’ investigazzjoni privata.

38. Il-ksib tal-informazzjoni fuq persuni jew il-movimenti tagħhom reali jew vitwali – u li huwa fil-bażi tal-operazzjonijiet ta’ investigazzjoni privata - illum il-ġurnata u aktar minn qatt qabel, jista’ isir billi persuna tiġi segwita mhux biss fiżikament f’territorju fiżiku iżda wkoll virtwalment fid-dinja diġitali. Din l-attivita tista’ ssir fil-post jew b’direzzjoni remota. Persuna tista’ tipprovdi jew toffri servizzi ta’ investigazzjoni privata minn Malta billi torganizza, tidderieġi, tiġġestixxi, teżegwixxi jew tamministra operazzjonijiet t’investigazzjoni privata li jkunu jolqtu persuni li jkunu jinsabu kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta. Anke fejn persuna soġġetta ta’ investigazzjoni privata tkun tinsab barra minn Malta, persuna f’Malta tista’ bil-mezz ta’ direzzjoni remota u l-mezzi ta’ komunikazzjoni teżegwixxi servizzi t’investigazzjoni privata li tkun tolqot jew tinvolvi lil dik il-persuna soġġetta tal-investigazzjoni privata li tkun tinsab barra minn Malta. F’dan il-każ, għalkemm is-suġġett tal-investigazzjoni jkun jinsab barra minn Malta, l-attivita tal-investigazzjoni privata fiha nnifisha, almenu in parti, tkun qegħda tiġi magħmula minn u f’Malta.

39. U vice versa. Persuna tista’ tkun qegħda barra minn Malta, tista’ torganizza, tidderieġi, tiġġestixxi, teżegwixxi jew tamministra operazzjonijiet t’investigazzjoni privata li jkunu jolqtu suġġetti li jkunu jinsabu f’Malta, b’operazzjonijiet, in parte jew in toto, li jkunu jridu isiru f’Malta jew barra minn Malta. F’dawn l-ipoteżi, jekk ir-rabta mat-territorju Malti tkun teżisti kemm jekk mill-aspett soġġettiv jew mill-aspett oġġettiv, allura fis-skiet tal-Liġi, fid-dawl ta’ tali rabtiet, l-obbligu tal-liċenzar ta’ dik il-persuna li tipprovdi dawk is-servizzi jiġi fis-seħħ. L-eżekuzzjoni ta’ dawk is-servizzi mingħajr liċenza, allura jkun jikser il-Liġi. L-eżekuzzjoni ta’ dawk is-servizzi mingħajr liċenza mhux permess f’Malta jew minn Malta fis-sens spjegat iżjed il-fuq.

40. Persuna li tippresta dak is-servizz ta' investigatur privat mingħajr liċenza ma tistax topera u tirreklama s-servizzi tagħha bħala investigatur privat għal servizzi reżi f'Malta jew minn Malta fis-sens fuq spjegat. Daqskemm persuna li tkun teżerċita xi professjoni jew mestjier ieħor li jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni, warrant jew liċenza skont il-Liġi ma jistax jopera dik il-professjoni jew mestjier f'Malta jew minn Malta sakemm ma jkollux dik il-liċenza, awtorizzazzjoni jew warrant. Min jippreżenta ruħu li investigatur privat, iżda ma jkunx liċenzat li jaġixxi ta' investigatur privat f'Malta jew minn Malta fis-sens kif spjegat iżjed il-fuq, ma jistax legalment jippreżenta ruħu bħala investigatur privat jew jippresta servizzi ta' investigatur privat f'Malta jew minn Malta mingħajr ma jkun qiegħed jinkorri fi ksur tal-Liġi.

41. F'dan il-każ partikolari allura tassumi importanza kbira l-analiżi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar il-verżjonijiet mogħtija mill-appellanta – kemm fl-istqarrija tagħha kif ukoll meta xehdet – fuq naħa kif ukoll minn Anthony Busuttil, Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono fuq in-naħa l-oħra. Kif intqal iżjed il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha l-benefiċċju li setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu u b'hekk kellha l-opportunita tad-deheb li tifli l-imġieba, d-"demeanor" tax-xhieda, ħaġa li din il-Qorti normalment ma jkollhiex in kwantu hija qorti ta' reviżjoni. L-appellanta tiddistanzja ruħha kemm tista' milli tgħid li kienet ingaġġata minn Busuttil biex tipprovdilu servizzi ta' investigatur privat. Fi ftit kliem tpinġi stampa fejn xogħolha kellu jkun biss bħala prokuratur ta' Busuttil fil-kuntatti u fl-attendenza fil-Qrati u proċeduri oħra konnessi taħt il-Hague Convention. Fi kwalunkwe każ, l-involviment li hija riedet turi li kellha kien wieħed magħmul minn barra minn Malta u li kien jirreferi għal servizzi li kellhom jiġu reżi barra minn Malta.

42. Mill-banda l-oħra jekk wieħed jistħarreġ sew dak li xehed Anthony Busuttil, Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono toħroġ stampa differenti minn dik li xehdet l-appellanta fis-sens li r-rwol tagħha kellu jkun dak li jaqa' taħt it-tifsira legali Maltija ta' investigatur privat, ossija persuna li, bin-nies tagħha, kellha tistħarreġ u tikseb informazzjoni dwar fejn kienet tinstab sieħbet Anthony Busuttil b'ibnu Adam, tmur fil-post fejn dawn ikunu jinstabu u ġġib lura Malta lil iben Anthony Busuttil.

43. Għalhekk din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-appellanta għall-imputazzjoni de quo billi tistħarreġ mhux biss ix-xiehda ta' dawn il-persuni kollha u tara jekk allura l-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx korretta li, fuq il-provi li kellha quddiemha, tasal li tikkonkludi li temmen lil Anthony Busuttil, Chris Frendo u Edward Debono; iżda wkoll, anke jekk, gratia argomenti ma temminhomx, tistħarreġ x'kienu dawk is-servizzi reżi mill-appellanta - li ma hemmx kontestazzjoni dwarhom - tara jekk dawn is-servizzi kienux jaqgħu fil-parametri tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex anke jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ma emnitx lil Busuttil, Frendo u Debono, ma jfissirx li minn dak li stqarret l-appellanta stess ma kienx hemm provi li in bażi tagħhom setgħet tinstab ħatja tar-reat kontemplat fl-artikoli 3 u 25 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

44. Mistqarr dan, ma jirriżulta xejn mill-atti u li fuqhom din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal li temmen lil Anthony Busuttil, Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono, jew li meta emnithom f'dak li xehdu hija kienet legalment jew raġonevolment żbaljata. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) emnet lil Busuttil, Frendo u Debono li meta l-appellanta ġiet ingaġġjata minn Busuttil, hija kienet ġiet imqabda tippresta servizzi ta' investigatur privat. Fil-fatt minn kliem Busuttil f'paġna 63 tal-atti proċesswali, jirriżulta kif l-ewwel darba li sar kuntatt bejnu u Grace GATT kien permezz ta' skype fejn **ikkuntatjatu l-appellanta stess**, billi introduċiet ruħha bħala '**private investigator**'. F'paġna 67 tax-xhieda tiegħu Busuttil isostni illi l-ftehim magħha kien li xogħolha kellu jkun li **ġġiblu t-tifel Malta**. Skont Busuttil dan l-ewwel inkontru telefoniku seħħ madwar jumejn tlieta wara li ibnu ġie maħtuf, biex b'hekk Busuttil ma kienx jaf sewwasew fejn kien jinsab ibnu. Meta allura jgħid li xogħol l-appellanta kellu jkun dak li ġġiblu lil ibnu lura f'Malta, l-ewwel ħaġa li kellha ssir minnha kien li ssib fejn qiegħed ġaladarba ma kienux jafu fejn qiegħed. Kjarament, dan huwa xogħol li jaqa' fil-parametri ta' dak imsemmi mill-Liġi Maltija bħala formanti parti mit-tifsira ta' servizzi investigazzjoni privata peress li kien jeħtieġ il-ksib ta' tagħrif dwar il-movimenti u fejn tkun seħibt Busuttil b'ibnu u wkoll stħarriġ dwar dawn il-persuni li f'dak il-punt kienu mitlufin fis-sens li Busuttil ma kienx jaf fejn jinsabu.

45. L-atti huma skarni minn prova li tassew din it-telefonata seħħet bl-i Skype, kif ukoll li l-ewwel darba li saret l-offerta tal-provvista ta' servizzi ta' investigazzjoni privata mill-appellanta, tassew saritx minn barra minn Malta jew minn Malta. Fin-nuqqas ta' prova li ġġib fix-xejn dak li tistqarr l-appellanta, il-dubju għandu jmur favur l-appellanta. Iżda, minn dak kollu li xehdu Anthony Busuttil, Dr. Chris

Frendo, u Dr. Edward Debono, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li kien ġie soddisfaċentement ippruvat li l-offerta sabiex jitwetqu servizzi ta' investigazzjoni privata **ma saritx biss** minn barra minn Malta fejn allegatament kienet tinstab l-appellanta dakinhar li sar l-ewwel kuntatt mal-appellant u fejn allura bdiet bl-offerta tas-servizzi tagħha, iżda wkoll li dawk l-offerti komplew isiru ma u lil Busuttil anki meta l-appellanta kienet żgur f'Malta, in kwantu jirriżulta pruvat bla ombra ta' dubju li l-appellanta u Busuttil kienu ltaqgħu personalment diversi drabi, inkluż fil-preżenza ta' Dr. Frendo u Dr. Debono, u fejn ġew diskussi, fost affarijiet oħra, kif kull wieħed minnhom kellu jimxi, inkluż dak li kellu jkun ir-rwol tal-appellanta f'Malta u barra minn Malta sabiex jinstab u jinġieb it-tifel f'Malta.

46. F'paġna 68 tax-xhieda tiegħu, Busuttil isemmi kif meta l-appellanta qaltlu li rritornat Malta, huwa iltaqa' magħha u wara laqqagħha wkoll ma' Dr. Edward Debono u Dr. Chris Frendo. Dr. Debono kien laqqgħu ma Dr. Chris Frendo **li kien ukoll** qiegħed jeħodlu ħsieb li jinġieb it-tifel tiegħu lura Malta. L-appellanta kienet attendiet ukoll minn laqgħa sa tnejn id-dar ta' Dr. Edward Debono sabiex flimkien jiftiehmu x'kien sejjer ikun ir-rwol ta' kull wieħed minnhom fil-proċess li jinġieb it-tifel lura Malta. F'dak il-punt, ir-rwol ta' Dr. Debono u Dr. Frendo kien jirriżulta li kien ċar fis-sens li t-tnejn li huma kienu avukati u li kienu qegħdin jagħmlu kuntatti fir-Repubblika Ċeka sabiex ikun jista' jiġi stabbilit, bl-għajnuna ta' professjonisti f'dak il-pajjiż, fejn setgħa kien it-tifel u jsiru l-arranġamenti meħtieġa. Jirriżulta li mix-xiehda ta' Busuttil li Dr. Debono u Dr. Frendo **daħlu fix-xena wara** li kienet diġa introduċiet ruħha l-appellanta bħala "private investigator" ma Busuttil. Iġifieri r-rwol tagħhom u l-azzjoni meħuda minnhom inbdiet wara li mhux biss kien sar l-ewwel kuntatt bejn l-appellanta u Busuttil, iżda wkoll wara li Busuttil kien aċċetta li jqabbad lill-appellanta bħala investigatur privat fil-każ tal-ħtif t'ibnu.

47. F'paġna 23, Dr. Chris Frendo jixhed u jikkonferma dak li xehed Anthony Busuttil fuq li l-appellanta Grace GATT kienet offrietlu servizzi ta' investigatur privat. Dr. Frendo, ġja ex-Spettur tal-Pulizija, iżid jgħid ukoll li anki hu kien staqsa dwarha u kien sar jaf li din 'iva vera hija private investigator'. Fir-rigward tal-inkontri li kien ikollhom f'Malta, Dr. Chris Frendo jgħid ukoll li Grace GATT kienet tinsisti kif hija għandha l-esperjenza f'dan ix-xogħol u li hija kienet ikkommettiet ruħha li ġġiblu lura t-tifel:

Pros: u x'kienet titlob din Grace Gatt u x'kien jiġi diskuss?
Xhud: Grace kienet dejjem qegħda tgħid li hi għandha l-esperjenza f'dax xogħol illi għandha bżonn iż-żmien u ser iġġib it-tifel...

48. Indikazzjoni ċara oħra dwar ir-rwol ta' investigatur privat li l-appellanta assumiet f'dan il-każ, tirriżulta mir-rakkont ta' Busuttil dwar dak li jsemmi li qalet l-appellanta dwar ċertu aspetti ta' kif kienet taħdem biex tkun tista' ssegwi l-movimenti ta' persuni u ssib fejn ikunu qegħdin meta f'paġna 70 Anthony Busuttil igħid li meta ltaqgħu d-dar ta' Dr. Edward Debono, l-appellanta kienet anki qalet li kienet tagħmel "cameras fuq is-sigar biex tiffolowja n-nies". Minn dan id-diskors joħroġ li l-offerta illi Grace GATT kienet qiegħda tagħmel lill-parte leża għall-provvista tas-servizzi tagħha b'rabta mal-ksib t'informazzjoni dwar fejn kien ibnu nonche l-metodoloġija li setgħet tiġi wżata kienu jinkludu servizzi b'modalitajiet bħal dawk użati minn investigaturi privati. Għalkemm wieħed jista' raġonevolment jifhem li GATT kienet qegħda tgħid dan id-diskors b'riferenza għal servizzi li hija kienet lesta biex tippresta fi Praga - u għalhekk barra minn Malta - xorta jibqa' l-fatt li l-offerta ta' dak is-servizz saret f'Malta u li allura l-atti preparatorji sabiex ikun jista' jiġi prestat dak is-servizz kienu qed isiru f'Malta u minn Malta, inkluż allura dawn il-laqgħat ta' kordinazzjoni u diskussjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tas-servizzi rispettivi.

49. Apparti minn hekk, din il-modalita ta' kif dawn is-servizzi kellhom jiġu prestati, żgur li ma humiex sinonimi ma dawk li jipprestaw persuni li jaġixxu ta' prokuraturi ad litem, ossija ta' persuni imqabdin biss u limitatament biex isegwu proċeduri ġudizzjarji barra minn Malta – kif donnha riedet tippreżenta ruħha l-appellanta fl-istqarrijiet tagħha sorretti mill-prokura li kopja tagħha ppreżentat fl-atti.

50. Imma minbarra dawn il-laqgħat u diskussjonijiet u offerti, li indubbjament saru f'Malta, in eżekuzzjoni tax-xogħol li Busuttil ingaġġja lill-appellanta biex tagħmillu, ossija dawk ta' investigatur privat, jirriżulta wkoll li Busuttil – qabel ma kien għadhom saru dawn il-laqgħa ma Dr. Debono u Dr. Frendo – kien għadda bagalja karti tal-eks sieħba tiegħu lill-appellanta, fuq struzzjonijiet tagħha stess, sabiex hija tkun tista' tanalizzahom u tikseb minnhom xi informazzjoni li setgħet tkun rilevanti b'rabta mal-imsemmija eks sieħba ta' Busuttil. Skont Busuttil din il-bagalja kien fiha karti u informazzjoni marbuta mal-istudju ta' l-eks sieħba tiegħu. Iżda l-appellanta insistiet miegħu li jtiha din il-bagalja biex tanalizza dawk

il-karti. F’paġna 65 Busuttil jixhed li l-appellanta qaltlu li riedet dawk id-dokumenti:

> qaltli dika nista nehodhom biex nistudjahom. Ghidtilha ma fihom xejn, dal-istudju taghha, qaltli ma nafx x’nista nsibu, qaltli ha nghidlek, nibghat ghalihom, qaltli u giet wahda mara samranija.

51. Magħhom l-appellanta riedet ukoll ħamest elef euro cash. Busuttil ma riedx iħallashom cash u l-appellanta qaltlu biex jagħmel cheque fuq isem xi azjenda bl-isem “GI Security Malta”, iżda mhux f’isimha. Busuttil igħid li għal din il-bagalja kienet għaddiet waħda mara samranija u li għaddielha wkoll iċ-ċekk ta’ €5000. Il-parte civile jilmenta li ma rċeviex informazzjoni mingħand l-appellanta dwar l-informazzjoni li l-appellanta setgħet ħadet mill-kontenut ta’ dik il-bagalja. Anzi f’paġna 68 jgħid li kien beda jara li l-appellanta kienet qisha qegħda tiskappa u b’hekk talabha l-bagalja lura u fil-fatt kienu ltaqgħu il-Belt Valletta bil-karozza u tagħtu l-bagalja lura l-appellanta stess. Busuttil jgħid li ma kienx irċieva informazzjoni mingħandha. Imbagħad tkellem ma Dr. Edward Debono, li introduċieh ma Dr. Chris Frendo u waqt li kellu lill-appellanta għaddejja, huwa kien qabbad lil Dr. Debono u lil Dr. Frendo u laqqgħhom flimkien għax deherlu li kellu jagħmel hekk. Fil-fatt semmietlu l-Hague Convention u ltaqgħu fuq il-Hague Convention id-dar ta’ Dr. Debono, li, skont Busuttil, kien jaf fuqhom dawn l-affarijiet.

52. Issa pero din l-analiżi ta’ dawn id-dokumenti, jekk saret mill-appellanta, kienet intiża minnha kjarament biex tottjeni informazzjoni dwar l-eks sieħba tal-appellant. Din it-tip ta’ analiżi hija wkoll parti mis-servizzi li jkunu prestati minn investigaturi privati biex jiksbu tagħrif dwar il-persuna li tkun fil-mira tal-isħtarriġ tagħhom. L-offerta u l-eżerċizzju tal-istħarriġ ta’ dik l-informazzjoni ġew sikurament estiżi għat-territorju Malti in kwantu kif jgħid il-parte civile stess, kienet l-appellanta li għaddietlu dik il-bagalja karti lura, għalkemm informazzjoni u sodisfazzjoni dwar x’ħadet mill-analiżi ta’ dawk il-karti baqa’ ma tagħtux. Dan ix-xogħol allura li skont Busuttil l-appellanta qaltlu li kellha tagħmel u li tiegħu huwa ħallasha €5000 għandhom mhux biss rabta kostruttiva iżda anke materjali mat-territorju Malti.

53. Imbagħad f’paġna 71 tal-atti Anthony Busuttil isemmi wkoll laqgħa oħra li kellu mal-appellanta, fid-dar tal-ġenituri tagħha fin-Naxxar, fejn kienet preżenti wkoll dik il-persuna li għaraf li kienet ġiet tiġbor il-bagalja u ċ-ċekk. Fi kliem Busuttil, f’din l-okkażjoni, li allura

saret wara l-episodju tal-bagalja, iżda wkoll fi żmien fejn konkretament kienu għadu sar biss ħafna kliem iżda ftit fatti dwar kif kellu jiġi misjub ibnu u miġjub lura Malta minn GATT, jirriżulta li t-tifel kien għadu mhux misjub, jew kien instab u reġgħu tilfuh. Kien għalhekk ukoll li, għal darb'oħra, l-appellanta offrietlu li ssiblu lit-tifel u dan id-diskors dejjem sar fil-kuntest illi hija kienet introduċiet lilha nnifisha l-ewwel darba miegħu bħala 'private investigator'. F'dan il-każ ma hemmx dubju li l-offerta magħmula lilu kienet saret f'Malta għal servizzi li kienu allura jestendu għal xogħol li kellu jsir ukoll barra minn Malta.

54. Matul din il-laqgħa fid-dar tal-ġenituri ta' l-appellanta, Busuttil jisħaq li hija kienet qaltlu li kienet se ssiblu lil ibnu. Bdiet tferrgħalu l-whisky, grokk ġo grokk, u qaltlu li għal xogħolha biex issiblu t-tifel riedet sebgħin elf euro. Busuttil kien lest joffrilha għoxrin elf euro u jgħid li l-appellanta aċċettathom. Il-mara s-samranija li kienet magħha rrimarkatlu li "issa jiġi għada u tinsa kollox".

55. Kif intwera mill-provi mresqin mill-Prosekuzzjoni, l-offerta ta' servizzi ta' investigazzjoni privata u l-eżekuzzjoni ta' parti minnhom, inkluż aspetti preparatorji, jirriżulta b'mod ċar li saru f'Malta. Ma jfissirx li l-prestazzjonijiet kollha kienu se jsiru f'Malta. Iżda l-anqas ma ġie pruvat, almenu sal-grad tal-probabbli, li s-servizzi ta' investigazzjoni privata u dawk anċillari u konnessi magħhom, kienu se jsiru esklussivament barra minn Malta. Il-provi sikuri juru li l-appellanta offriet tali servizzi lil Anthony Busuttil anke minn u f'Malta filwaqt li wetqet – jew almenu suppost wetqet - ċerti tali servizzi minn Malta, inkluż l-episodju relattiv għall-offerta ta' analiżi tad-dokumenti kontenuti fil-bagalja u li tagħhom u għalihom Busuttil wera bil-provi li ħallas is-somma ta' ħamest elef euro fuq talba speċifika tal-istess appellanta.

56. Din il-parti tal-imġieba tal-appellanta, u li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li seħħet f'Malta jew minn Malta, jikkostitwixxi dik l-offerta li tikkontempla l-Liġi fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u in parti wkoll l-eżekuzzjoni tal-istess. Almenu fir-rigward ta' dik il-parti tal-prestazzjonijiet u offerti tal-appellanta li kienu jaqgħu fit-tifsira tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ġurisdizzjoni konferita lilha mill-Artikolu 5(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. U kif ingħad, li l-appellanta ma kellhiex liċenzja sabiex topera jew toffri s-servizzi ta' investigazzjoni privata b'dak il-mod, kif diġa' rrilevat il-Qorti tal-

Maġistrati (Malta), ġie ampjament ippruvat permezz tax-xhieda ta' PS 1157 Bartley Aquilina.

57. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhux talli kellha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq l-imputazzjoni numru tlieta, talli setgħet legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-ġudizzju ta' ħtija f'dan ir-rigward fil-konfront tal-appellanta GATT.

**Analiżi tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanta mertu tat-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji mressqa mill-appellanta.**

58. Illi r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni huwa dak ta' truffa skont tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Dak li jiddistingwi t-truffa mill-frodi nnominata skont l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali hija kostitwita minn dawk is-serje ta' ċirkostanzi msemmija mill-Liġi stess li l-awtur tar-reat joħloq sabiex permezz ta' almenu xi wieħed minnhom iġiegħel lill-vittma jemmen stat ta' fatt li ma jkunx minnu u li jwassal sabiex minħabba f'hekk, iniġġes ir-rieda ħielsa u safja tal-vitma biex mingħandu jottjeni l-konsenja ta' xi proprjeta, bl-eventwali dannu għall-istess vitma u qliegħ illeċitu għall-awtur tar-reat frott ta' dan il-qerq li jkun ġie mwettaq minnu b'dannu għall-vitma.

59. Kwantu għat-tifsira tar-reat ta' truffa fil-Liġi Maltija, kif ukoll għal dak li hija d-distinzjoni bejn it-truffa u r-reat minuri ta' frode innominata, ssir riferenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020 fejn ġie mistqarr:

> Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'** gie kkunsidrat:
>
> 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)

60. Issa, kif diġa esplorat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza elaborata tagħha, skont il-ġurisprudenza prevalenti sabiex jiġi kostitwit ir-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa meħtieġ li jiġi pruvat l-element formali tar-reat konsistenti fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.

61. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

> In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:
> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56)."

62. Fl-appell kriminali msemmija iżjed il-fuq, **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis**, ġie wkoll ċitat, b'approvazzjoni, dak mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**:

> **"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-**

**artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....”.** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta’l-element materjali ta’ dan id-delitt ta’ truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta’ dan id-delitt jista’ ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta’l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kullmin:
a. b’mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta’ kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b’qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,
g. jew ta’ hila
h.setgha fuq haddiehor jew
i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.
Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi **“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”**

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi **“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-**

**affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."**

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-**reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."**

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien. Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."**

63. Illi għal dak li jirrigwarda l-'messa in scena' l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Manicolo** deċiż ft-13 ta' Lulju 1998, intqal:

Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa

esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;

Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur; Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'.

64. Hekk ġie ritenut fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Custo** deċiż nhar is-7 ta' Lulju 1998:

Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond din id-duttrina, jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi parole menzogniere, iżda anki l-mis en scene li tagħti kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa neċessarju għalhekk li jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.

65. Kif ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul** deċiż nhar l-20 ta' Ġunju 1997:

Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise-en-scene, ċjoe dawk l-artifizi jew raggiori idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew ill-vittma fi żball -l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent.

Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in scena ċjoe li dawn l-artifizi jew raġġiri ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-Liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalisiasi forma ta' qerq, inganna jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha l-flus meta mgħandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi tagħna.

66. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta fejn issostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma għarfitx tagħmel distinzjoni bejn ir-reati ta' truffa u frode innominata ipotizzati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet**.** Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet tikkonvinċi ruħha li l-apparat menzjonier li adoperat l-appellanta **<u>kien ukoll</u>** akkumpanjat minn artefizji jew raġġiri li jkomplu jsaħħu dik il-gidba li ffabrikat bi ħsara tal-parte leża. U kien għalhekk li korrettement, f'19 tas-sentenza (fol. 451 tal-atti proċesswali), hija rrilevat li kienet sejra ssib ħtija fir-reat ta' truffa u mhux f'dak ta' frode

nnominata u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.[9] Wara kollox hija l-lokuzzjoni tal-Liġi stess fl-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali li toħroġ biċ-ċar id-distinzjoni jew l-alternattivita' bejn iż-żewġ reati bil-kliem testwali ''Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, **mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu.''**

67. Kif ingħad qabel, ma hemm xejn fl-atti li minħabba fihom din il-Qorti tista' tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx, legalment u raġonevolment temmen il-verżjoni tal-parte civile u l-

[9] Hawnhekk din il-Qorti tagħmel referenza għal kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif preseduta fil-kawża **Il-Pulizija vs. Keith Attard, Marvin Mackay u Omissis** deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2021 :

> Il-formula regolanti r-reat ritenut kompriż u involut tinsab fl-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali - huwa applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, mutatis mutandis, bis-saħħa tal-artikolu 525(3) talKodiċi Kriminali – li jgħid li:
>
> (1) Il-ġuri, meta jiġi biex jiddelibera, għandu jara, l-ewwelnett, jekk l-akkużat hux ħati tar-reat miġjub kontra tiegħu fl-att tal-akkuża, biċ-ċirkostanzi aggravanti kollha, jekk ikun hemm, u li jkunu msemmijin f'dak l-att; u, jekk il-ġuri jkun ta' fehma li dinil-ħtija ġiet ippruvata, għandu, bil-mod li jingħad flartikoli 468 u 469, isib l-akkużat "ħati".
>
> (4) Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-att tal-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal- fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ. Il-ġuri jista' jagħti l-verdett tiegħu billi jgħid "ħati mingħajr iċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi ta'...........", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jkun irid jeskludi; inkella, "ħati biċ-ċirkostanza jew biċ-ċirkostanzi ta'............", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti; inkella, "ħati, iżda biss ta'......... ...", u jsemmi r-reat jew l-attentat (jew il-fatti li jagħmlu dan ir-reat jew attentat) li fuqu, kif jingħad hawn fuq, il-ġuri jista' jsib ħati lillakkużat.
>
> (5) Jekk il-ġuri jkun ta' fehma li l-akkużat m'hu ħati f'ebda mod kif jingħad hawn fuq, għandu jsib l-akkużat "mhux ħati".
>
> ....../........
>
> Meta ma jiġix ippruvat ir-reat prinċipali kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-"att tal-akkuża", min jiġġudika lfatti jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-imputat jew akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ.
>
> 23. Dan juri allura li jekk il-Prosekuzzjoni tkun pruvat l-imputazzjoni jew l-akkuża prinċipali tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, min jiġġudika l-fatti għandu d-dmir li jsib il-ħtija tal-akkużat għall-akkuża miġjuba kontrih u li jgħid li qiegħed isib il-ħtija fir-rigward ta' dak ir-reat – mingħajr pero ma joqgħod jinkludi wkoll is-sejbien ta' ħtija ta' dawk irreati l-oħra li jkunu ritenibbli kompriżi jew involuti fih, sakemm ma jkunx hemm fatti ġuridiċi separati u distinti minn dawk li jwaslu għas-sejbien ta' ħtija tar-reat prinċipali, u li in bażi tagħhom min jiġġudika l-fatti jista' jsib ukoll ħtija kontestwali għal dak ir-reat.
>
> 24. Jekk imbagħad min jiġġudika l-fatti ma jsibx li jkun ġie pruvat b'sikurezza legali ir-reat prinċipali, iżda jkun sodisfatt b'sikurezza legali li jkun ġie integrat "reat iżgħar" "inkella attentat biss", dment li r-"reat iżgħar" jew l-"attentat" ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti talimputazzjoni għar-reat prinċipali, allura min irid jiġġudika l-fatti jista' jsib il-ħtija fl-imputat jew akkużat ta' dak ir-"reat iżgħar" jew tal-"attentat" jew tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat skont il-każ.
>
> 25. Mid-diċitura ta' din il-Liġi jirriżulta li – fil-każ fejn ikun hemm biss fatt ġuridiku waħdieni li minnu jitnisslu r-reati de quo - min għandu jiġġudika l-fatti jista' jsib ħtija fl-imputat jew akkużat tar-"reat iżgħar" jew inkella "attentat" biss jekk ma jkunx sodisfatt lil hinn minn kull dubju dettat mirraġuni li jkun ġie mwettaq ir-reat prinċipali kontestat fl-imputazzjonijiet jew fl-akkuża, li, stando ma dak mistqarr mill-Liġi, jrid ikun reat "akbar" – ossija ta' serjeta legali maġġuri minn dak ir-reat li jista' jiġi meqjus bħala kompriż jew involut fih.
>
> 26. Inoltre din il-Liġi turi wkoll li – fil-każ fejn ikun hemm biss fatt ġuridiku waħdieni li minnu jitnisslu r-reati de quo - l-għażla ta' min irid jiġġudika l-fatti hija bażata fuq l-alternattivita bejn ir-reat akbar u dak minuri li tiegħu tista' tinstab ħtija biss jekk min jiġġudika l-fatti ma jkunx soddisfaċentement soddisfatt mill-eżistenza tar-reat akbar.

avukati Frendo u Debono aktar milli l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanta. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) spjegat għaliex, magħdud kollox, ma kellhiex temmen lill-appellanta f'dak li qalet. Dik il-Qorti kienet f'posizzjoni tevalwa sewwa sew il-kredibilta ta' kull xhud u tal-verżjoni fornuta minnu u sabet li l-verżjoni tal-appellanta ma kienetx mis-sewwa u l-anqas ma kienet korroborata bi provi li, almenu sal-grad tal-probabbli, setgħu ixejnu dak stabbilit mill-provi mresqa mill-Prosekuzzjoni.[10] Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-kliem u l-egħmil tal-appellanta f'dan il-każ li kif żvolġew il-fatti juri li żviluppaw f'nisġa ta' artefizi jew raġġiri, li grazzi għalihom irnexxielha tikkonvinċi lil Busuttil li jqabbadha biex tagħmillu servizzi li, almenu in parti, la kienet liċenzata biex trendi, u li l-anqas kien hemm ir-rieda sħiħa li effettivament u ġenwinament trendilu, minkejja li kienet tħalset ammont ta' flus konsiderevoli.

68. Qabel xejn, Anthony Busuttil jixhed kif kienet l-appellanta li marret tfittex lil Busuttil billi ċemplitlu hi u offrietlu servizzi ta' investigatur privat meta hu l-anqas biss ma kien jaf min hi. Din l-offerta ta' dawn is-servizzi saritlu mill-appellanta mingħajr distinzjoni bejn dawk is-servizzi li kellhom jiġu provduti f'Malta, jew minn Malta jew barra minn Malta. Għal Anthony Busuttil f'dak il-mument tant diffiċli, delikat u ta' disperazzjoni, dak li kien meħtieġ b'mod urġentissimu kien li jkun hemm xi ħadd li jista' jsib fejn kien qiegħed ibnu biex iġibu lura kemm jista' jkun malajr. B'hekk aċċetta li jqabbad lill-appellanta bħala investigatur privat, mingħajr pero ma ġie spjegat lilu jekk, qabel xejn, l-appellanta **kellhiex il-kwalifiki fattwali u legali** biex tkun tista' taħdem ta' investigatur privat, inkluż fil-liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija skont il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi dawk is-servizzi, jew li toffri dawk is-servizzi f'Malta jew minn Malta fis-sens kif spjegat iżjed il-fuq.

69. Fil-fatt mix-xiehda ta' PS1157 Bartley Aquilina f'paġna 92 et seq jirriżulta li l-unika darba li l-appellanta applikat għal liċenza ta'

[10] Din il-Qorti taqbel mal-appellanta li bħala persuna akkużata hija ma kienetx tenuta tipprova xejn, daqskemm ma kienetx obbligata li titkellem jew tirrilaxxja stqarrijiet. Iżda mill-banda l-oħra, ladarba tagħżel li titkellem u tagħmel stqarrijiet, dak li tistqarr jista' jinġieb bi prova. Dik il-prova tista' mbagħad titqies fil-grad ta' suffiċjenza probatorja rikjesta minn persuna akkużata u ċjoe li tkun biżżejjed li tissodisfa lil ġudikant tal-fatt sal-grad tal-probabbli. Meta persuna akkużata tagħżel li tagħmel stqarrija jew toffri deposizzjoni, dik l-istqarrija jew deposizzjoni tista' tiġi wkoll korroborata minn provi oħra li jistgħu ikunu disponibbli għaliha. Għal darb'oħra persuna akkużata mhix obbligata li tressaq provi oħra, inkluż dawk korroboranti. Jekk ma tressaqx tali prova ma jfissirx li tista' tiġi maħluqa xi inferenza ta' fatt kontra l-akkużat. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' tali prova korroboranti ma twassal imkien. Ir-regoli tal-proċedura kriminali u tal-evidenza l-oħrajn li ma humiex speċifiċi u partikolari għal xi waħda mill-partijiet fil-proċeduri avversarji, jibqgħu japplikaw għall-akkużat daqskemm għall-prosekutur. Ifisser li l-Qorti tkun trid tqis dik l-istqarrija tal-akkużat, u li ma tkunx ġiet korroborata minn provi oħra, u tevalwa x'piż tista' tagħtiha meta tqisha mal-assjem tal-provi l-oħra li jkunu ġew prodotti fil-proċess.

private guard kienet fid-19 ta' Ġunju 2007 u li din it-talba kienet ġiet miċħuda fit-3 t'Awissu 2007. Allura, l-offerta ta' servizzi ta' investigazzjoni privata u t-twettieq ta' partijiet mis-servizzi li jaqgħu fl-ambitu ta' dan is-servizz li saru f'Malta jew minn Malta mill-appellanta lil Anthony Busuttil kienu jmorru kontra l-Liġi ta' Malta kif spjegat iżjed il-fuq. Dan apparti mill-fatt jekk l-appellanta kellhiex preparazzjoni teknika meħtieġa li taġixxi ta' investigatur privat. Iżda kwantu għal dan l-aħħar aspett, il-provi jirriżultaw sajmin għall-aħħar.

70. Iżda irrispettivament mill-kapaċita teknika o meno, żgur hu li l-appellanta kienet taf li dawk is-servizzi ta' investigazzjoni privata ma setgħetx tipprovdihom legalment lil Anthony Busuttil f'Malta jew minn Malta. Almenu kellha tkun tafu in kwantu n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi ma tistax titqies bħala skużanti. L-appellanta preżentat lilha nnifisha lil Busuttil bħala "private investigator" mhux biss in konnessjoni ma servizzi li kellhom isiru barra minn Malta iżda wkoll ma dawk li kellhom isiru f'Malta jew minn Malta. L-appellanta għalhekk tiġi mhux biss li kienet qegħda tgħid sempliċi gidba lil Anthony Busuttil – ċjoe li kienet "private investigator", meta fil-fatt ma kienetx hekk liċenzata bħala tali; iżda kienet qegħda timpersonifika u tassumi rwol li kienet taf li, almenu in parti, hija ma setgħetx legalment tassumi. Minkejja dan hija biegħet jew offriet is-servizzi tagħha billi preżentat lilha nnifisha bħala "private investigator" prima, minkejja li kienet taf li f'Malta ma kienetx liċenzata biex taħdem ta' "private investigator".

71. Ġie pruvat soddisfaċentement li f'Malta, Anthony Busuttil għadda bagalja karti lil mara samranija li hu jgħid li ġiet mibgħuta mill-appellanta u li magħha għadda wkoll ċekk ta' ħamest elef euro (€5000) bi ħlas għall-appellanta. Minn dan iċ-ċekk li ġie eżebit fl-atti jirriżulta li l-parte leża ħarġu f'isem enti jisimha "**GI** Security Malta". Anthony Busuttil jixhed li kienet l-appellanta li għamlet l-ewwel kuntatt miegħu u Busuttil ma jsemmi li huwa kellu ebda kuntatt ma investigatur privat ieħor f'Malta. L-anqas ma jirriżulta li l-appellanta qalet lil Busuttil li hija kienet qegħda taġixxi flimkien ma ħaddieħor jew li qed taġixxi f'isem u akkont ta' ħaddieħor. Kliem Busuttil kien fis-sens li Grace GATT introduċiet ruħha miegħu bħala "private investigator" u huwa qabbadha speċifikament biex tagħmel dak ix-xogħol li kien meħtieġ biex issiblu u ġġiblu lura lil ibnu irrispettivament minn fejn jew fejn dak ix-xogħol kellu jsir.

72. Għalhekk għal Anthony Busuttil, ix-xogħol ta' investigatur privat kellu jsir minn Grace GATT u fil-fatt kienet hi li talbitu jħallasha

l-ħamest elef euro cash. Kien wara insistenza tiegħu li ried iħallas b'ċekk li imbagħad l-appellanta, "**G**race Gatt" tagħtu l-istruzzjoni biex iċ-ċekk isir f'isem enti jisimha "**GI** Security Malta". Loġikament Busuttil għamel iċ-ċekk f'dak l-isem, iżda għalih il-ħlas sar lill-appellanta. L-appellanta del resto ma qaltlux li dak il-ħlas kellu jsir għal servizzi reżi minn ħaddieħor jew li kien intiż għal ħaddieħor. B'hekk Busuttil kien ġustifikat jaħseb li huwa ħallas fil-fatt lil ħadd ħlief lill-appellanta li kellha tagħmillu x-xogħol ta' private investigator billi tibda tanalizza dawk il-karti li kienu fil-bagalja li għaddielha, tieħu l-informazzjoni minnha, u tmur issiblu u ġġiblu lil ibnu lura Malta minn fejn kien jista' jinstab.

73. Mix-xiehda ta' Joanna Bartolo, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc f'paġna 98 jirriżulta li dan iċ-ċekk ta' €5000 kien ġie depożitat f'kont f'isem "**I**sabelle Cassar Agius account GI Security". Fl-istess jum li dan l-ammont ta' €5000 ġie depożitat f'dak il-kont, l-istess ammont ġie wkoll miġbud f'kontanti immedjatament wara li ġie depożitat. F'dak il-mument l-anqas ma jirriżulta li Busuttil kien għadu inkariga lil Dr. Edward Debono jew lil Dr. Chris Frendo biex jgħinuh isib lil ibnu u jġibu lura. Kif intwera, dan il-kuntatt **sar wara** li l-appellanta kienet indaħlet biex issib u ġġib lura lil iben Busuttil u wara li Busuttil ma bediex jara riżultati mingħand l-appellanta.

74. Kif intqal iżjed il-fuq, prova indipendenti u kredibbli li l-appellanta ma kienetx Malta meta kien sar l-ewwel kuntatt ma' Busuttil ma teżistix fl-atti. Hija biss l-istqarrija tal-appellanta, ix-xiehda tagħha u dak li xehed Busuttil li jitfa' dawl fuq dan il-punt. Biss kif sewwa jgħid Busuttil f'paġna 68, huwa jirrakkonta li l-appellanta kienet imsiefra mhux għax dan kien jafu bħala fatt iżda għax hekk kienet qaltlu l-appellanta. Fejn kienet l-appellanta fil-verita, Busuttil ma għandux idea. U l-anqas ma tirriżulta prova konkreta dwar fejn verament kienet l-appellanta meta għamlet l-ewwel arranġamenti ma' Busuttil. Kienet fejn kienet, jibqa' l-fatt li ċ-ċekk ġie miktub fuq min l-appellanta ddiriġiet lil Busuttil li joħroġhom; u huwa minn għewl id-dinja li ħadd ma huwa se jagħti isem persuna biex tirċievi għalih ħlas ta' somma flus kbira pretiża minnha jekk dik il-persuna li tirċievi l-ħlas ma tkunx magħrufa u fdata sew minn min ikun qiegħed jagħti d-dettalji tagħha u li lilu jkunu destinati li jaslu dawk il-ħlasijiet.

75. Dr. Chris Frendo jixhed li għaraf dak iċ-ċekk ta' ħamest elef Ewro bħala li kien l-istess ċekk li kien urieh Anthony Busuttil u li l-istess Busuttil kien qallu li dak il-ħlas kien għaddieh lil Grace GATT.

76. L-appellanta ma tammettix li rċeviet xi ħlasijiet mingħand Anthony Busuttil. Fl-istqarrija tagħha, meta ġiet ikkonfrontata bil-fatt li Busuttil kien għaddielha xi flus, l-appellanta twieġeb: "M'ghandix idea onestament. Issa nsib l-emails u nghidlek". Għall-mistoqsija ta' xiex kellha titħallas fil-prattika, l-appellanta wieġbet li hija kellha tidher il-Qorti ta' Praga minflok Anthony Busuttil permezz tal-prokura flimkien mal-avukati ta' Anthony Busuttil u dan peress li qalet li Busuttil ma riedx imur Praga. Tgħid li l-ispejjeż tagħha u li kellu jħallashom Busuttil kellhom ikopru l-ispejjeż tal-ħajja tagħha kemm iddum hemmhekk u x-xogħol tagħha li tidher il-Qorti peress li żżid li dawn il-proċeduri kienu jieħdu madwar disa' ġimgħat. Meta mbagħad ġiet mistoqsija jekk hija kienetx talbet lil Busuttil l-ammont ta' ħamest elef euro biex tibda x-xogħol tagħha u fejn hija talbitu li jkunu cash, iżda Busuttil insista li jkunu b'ċekk u li l-appellanta kienet talbitu joħroġ ċekk fuq isem persuna oħra, l-appellanta wieġbet : "Ma niftakarx ta' onestament".

77. Apparti minn hekk fl-istqarrija tagħha l-appellanta tikkorrobora dak li qal Anthony Busuttil fir-rigward tal-fatt li huwa kien għaddielha bagalja karti biex l-appellanta tanalizzahom bħala parti mis-servizzi li hija kienet offrietlu ċjoe bħala investigatur privat. Għall-mistoqsija jekk tikkonfermax l-allegazzjoni ta' Busuttil li l-appellanta kienet bagħtet persuna femminili tiġbor bagalja mingħandu, l-appellanta twieġeb : "**<u>Iva</u>** pero ma rridx nispjega min hi issa, ntellaha tixhed meta jkun hemm bżonn". Din il-persuna spiċċat ma xehditx. Iżda żewġ dettalji sinjifikattivi li jemerġu mbagħad mix-xiehda tal-appellanta huma li minkejja li kkonfermat li kienet bagħatet persuna femminili għall-bagalja, fix-xiehda tagħha a fol 417 et seq, l-appellanta tiċħad kemm li kienet irċeviet id-dokumenti fil-bagalja kif ukoll tiċħad li kienet hi li kienet inkarigata mill-każ fl-ewwel lok!

78. Filwaqt li fix-xiehda tagħha l-appellanta tikkonferma li l-appellant kien uriha d-dokumenti – u allura meta hija kienet żgur f'Malta tant li kien urihomlha fid-dar tagħha – tiċħad li huwa kien għaddielha bagalja bid-dokumenti – minkejja li fl-istqarrija tagħha kienet wieġbet "iva" għal dik il-mistoqsija! Anzi fix-xiehda tagħha żiedet tgħid li għal din il-laqgħa kien hemm xi qraba ta' Busuttil preżenti u meta rat il-karti qaltlu li ma setgħetx taħdem fuqha din; u li taħdem biss il-Qorti u bil-proċedura tal-Hague Convention. Kif se jintwera iżjed l-isfel pero, il-prokura li fuq l-inizjattiva tagħha iffirma Anthony Busuttil fit-13 ta' Jannar 2016 pero ma kienetx marbuta biss ma' proċeduri li kellhom jittieħdu taħt il-Hague Convention.

79. Iktar minn hekk fix-xiehda tagħha tkompli żżid li fil-fatt kienet Isabelle Cassar Agius (dik li allura ddepożitat iċ-ċekk fil-kont tal-bank "Isabelle Cassar Agius account GI Security") li kienet ċemplitilha biex tkun Grace GATT dik il-persuna li tieħu ħsieb dan il-każ. L-appellanta xehdet li lill-Isabelle Cassar Agius kienet qaltilha li ma setgħetx tipparteċipa fih Grace GATT. Tiċħad li kienet Grace GATT li bagħtat lil Isabelle Cassar Agius; iżda kienet Isabelle Cassar Agius li kienet kelmitha fuq il-fatt li lil Cassar Agius kien daħlilha każ ta' abduction u Grace GATT bagħtitha tiċċekja l-affarijiet! Busuttil pero qatt ma jsemmi li huwa inkariga lil xi ħadd ieħor bħala investigatur privat f'Malta għajr ħlief lil Grace GATT. L-anqas isemmi li GATT irrferietu jew semmitlu lil ħaddieħor li kien qiegħed jaġixxi magħha, għajr ħlief li bagħtat lil dik il-mara samranija biex tieħu mingħandu l-bagalja u ċ-ċekk ta' ħamest elef euro (€5000).

80. Fl-istqarrija tagħha l-appellanta pero żiedet dettall importanti ħafna li juri li fil-fatt hi għamlet xogħol ta' stħarriġ tal-kontenut ta' almenu wħud minn dawk id-dokumenti li Busuttil fil-fatt kien għaddielha – fil-bagalja jew mingħajrha. Il-fatt hu li b'din l-analiżi, hi rrendiet servizz ta' investigazzjoni privata f'Malta konsistenti wkoll f'analiżi ta' dokumenti intiżi biex jinkiseb tagħrif dwar persuna jew il-movimenta tagħha jew fejn tkun qegħdha eċċetra u dan, naturalment, bi ħlas.. L-appellanta żżid hekk:

> Mid-dokumenti li tani wrieni li kienu qed jihhekkjaw email tal-partner tieghu u ghedtlu li jien ma nahdimx hekk, u anke wissejt lil Dr. Debono li peres li kien avukat kien jaf li ma jistax jaghmel email hacking.

81. Dan id-dettal huwa sinjifikanti in kwantu għalkemm Busuttil jgħid li l-bagalja karti rċieviha lura kif kien tahielha, fis-sens li skontu l-appellanta ma kienet għamlet xejn biha, mill-banda l-oħra hawnhekk hawn ammissjoni da parti tal-appellanta stess li mhux talli rċeviet dik il-bagalja karti talli hi kienet rat dokumenti li Busuttil kien taha u li anke kienet tagħtu l-parir tagħha dwar il-modus operandi ħażin li skontha kien qiegħed jiġi adoperat minn Busuttil u l-avukati tiegħu u li hi ma kienetx taħdem hekk.

82. Mhux hekk biss, iżda għall-mistoqsija jekk kienetx tikkonferma li hija kienet bagħtet l-istess persuna femminili biex tagħti lura lil Anthony Busuttil id-dokumenti li kien għaddielha, l-appellanta twieġeb:

Naf li tajthomlu lura pero ma nafx jekk hux tramite l-istess persuna. Jista jkun li kont jien stess li tajthomlu lura meta ghamilt ir-ricerka tieghi u meta skoprejt li kienet tezisti l-Hague Convention, ghidtlu li biha rridu nahdmu u li ma setax jahtaf it-tifel.

83. Anki hawn allura l-appellanta stess tammetti li hija kienet għamlet ir-riċerki tagħha li kienu marbuta ma kif hija setgħet iġġib lura lit-tifel ta' Busuttil lura. Kif intwera mill-istqarrija tal-appellanta stess, anke dan id-diskors u din l-azzjoni saru f'Malta, daqskemm saret allura wkoll l-offerta tas-servizz de quo. Kien minn dawn ir-riċerki tagħha li skopriet li kienet teżisti l-Hague Convention u tgħid li tat il-parir lil Busuttil biex jipproċedi skont il-proċeduri taħt din il-Konvenzjoni. Iżda f'dak il-punt l-appellanta ma kienetx qegħda taġixxi ta' prokuratriċi ta' Busuttil. Ma kienetx avukat jew prokuratur legali intiża li tagħmel riċerki u tagħti pariri legali. L-analiżi tad-dokumenti li għaddielha Busuttil u li hi stess tammetti li għamlet kif intwera mill-istqarrija tagħha stess, kien xogħol li ma kienx meħtieġ li jsir minn persuna li taġixxi ta' sempliċi prokuratur ad litem, b'xogħolu jkun biss li jidher għal mandant fi proċeduri ġudizzjarji.

84. Dawn l-istqarrijiet tal-appellanta allura jikkorroboraw dak li xehed Anthony Busuttil fis-sens li l-iskop wara li huwa qabbad lill-appellanta, skont kif kienet qaltlu l-appellanta stess kien li hija taġixxi ta' investigatur privat għalih – minkejja li l-appellanta kienet taf ben tajjeb li ma setgħetx taħdem ta' investigatur privat f'Malta jew minn Malta. Ix-xogħol ta' investigatur privat għalkemm mhux ben definit fil-Liġi, żgur li f'dal-każ kellu jinkludi diversi mansjonijiet u servizzi intiżi li bihom jinkiseb tagħrif dwar l-identita, movimenti, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta' xi persuna nonche stħarriġ dwar it-tifel ta' Busuttil li f'dak l-istadju kien mitluf. Kien preċiżament f'dan l-ambitu li dawn is-servizzi li l-appellanta tammetti li provdiet lil Busuttil jridu bilfors jiġu meqjusa għax fl-aħħar mill-aħħar kien għalhekk li Busuttil kien qabbadha fl-ewwel lok, wara li hi stess preżentat ruħha miegħu.

85. Jirriżulta pruvat bla dubju li l-appellanta **ma provdietx** is-servizzi tagħha **barra minn Malta**. Jekk xejn, u għall-grazzja tal-argument titwemmen f'dak li saħqet l-appellanta, dak li setgħet irrendiet lill-appellant kien xogħol t'investigazzjoni privata li jirriżulta li seħħ f'Malta jew minn Malta. Zgur hu li ma marretx il-Qorti ta' Praga u l-anqas hemm prova, almenu sal-grad tal-probabbli, li hija kienet laħqet għamlet xi kuntatti ma xi avukati jew awtoritajiet oħra barra minn Malta in konnessjoni mas-sejbien ta' iben Anthony

Busuttil. Mill-banda l-oħra hi tgħid li għamlet xi xogħol f'dik id-direzzjoni – iżda prova oġġettiva ta' dan ma tirriżultax mill-atti. Jekk, gratia argomenti, wieħed kellu jikkonċedi li l-appellanta bdiet tagħmel dak ix-xogħol kif spjegat iżjed il-fuq, xorta waħda fis-sustanza tiegħu ma huwa xejn għajr ħlief xogħol ta' investigazzjoni privata li in parti sar f'Malta jew minn Malta u li allura kien jeħtieġ li jiġi magħmul minn persuna liċenzata skont il-Liġi – ħaġa l-appellanta konsapevolment ma kienetx, u skont Anthony Busuttil anke tħalset tiegħu profumatament.

86. Biss dwar dan il-ħlas, għalkemm fl-istqarrija tagħha ftit aktar minn sentejn wara l-akkadut, u ċjoe fl-14 ta' Marzu 2018 l-appellanta għal darbtejn kienet wieġbet li onestament ma kellhiex idea u li riedet issib l-emails, jew li onestament ma kienetx tiftakar, mill-banda l-oħra, kważi ħames snin wara l-akkadut, fid-29 ta' Settembru 2021 xehdet b'mod kategoriku hija tixhed li hija **<u>qatt ma rċeviet flus mingħand Busuttil</u>**. F'paġna 419 tgħid hekk:

> Qorti: iġifieri qed tiċħad li inti bgħatt lill-Isabelle għall-flus u li ħadt flus mingħand is-Sur Busuttil
> Xhud: no jiena qatt ma ħadt flus. Qatt ma ħadt flus mingħand dal-bniedem.
> ..../.....
> Pros: inti, itni (recte: inti) ix-xhieda tiegħu hawn hekk fil-presenza tiegħu smajtha. Int bil-ġurament tiegħek qiegħeda tiċħad li tlabtu l-flus u li inti stess għidtlu li sejra persuna ta' sess femminili li marret Isabella..Agius tiġbor...
> Xhud: Le jien minn
> Pros: Iva irrispondini
> Xhud: jien ma bagħatt il-ħadd.

87. Skont l-appellanta allura hija għamlet dawk it-telefonati, aċċettat li tagħmel l-analiżi tad-dokumenti li bagħtilha Busuttil, għamlet ir-riċerki tagħha, ipparteċipat f'diversi laqgħat ma Busuttil, u wkoll iżjed minn darba mal-avukati tiegħu, saret il-prokura speċjali favur tagħha eċċetra eċċetra mingħajr ma tħalset sold. Dwar dan il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) evidentement ma emnithiex. Daqskemm ma emnithiex li r-rwol tagħha kellu jkun biss li taġixxi ta' prokuratriċi ta' Anthony Busuttil għall-finijiet ta' proċeduri legali skont il-prokura speċjali li ġiet prodotta bħala prova.

88. Iżda anke dwar **<u>il-ħtieġa</u>** ta' din il-prokura nnifisha, l-appellanta ma ġietx emnuta f'dak li qalet dwarha u dan peress li ġiet kontradetta dwarha mhux biss minn Busuttil, iżda wkoll minn Nutara li rrediġietha. F'dan ir-rigward, in kontro-eżami[11] Busuttil jgħid li din il-

[11] Fol. 385 tal-atti proċesswali

prokura ma kienetx saret fuq inizjattiva tiegħu iżda li kienet saret fuq inizjattiva tal-appellanta:

> Xhud: jeina (recte: jiena) li qed niftakar, għax this was five years ago, li qed niftakar huwa qaltli li meta biex inkun barra inkun nista' niddelega mal-avukati, niffirma etc etc. Jiena, jiena trid tqis li ma nifhimx f'dawn l-affarijiet. Obdejt li qaltli hi.

89. F'paġna 415 mill-banda l-oħra l-appellanta tgħid li l-prokura kien mar jagħmilha Anthony Busuttil minn jeddu.

90. Iżda n-Nutara Roberta Bisazza tikkontradiċi dak li tistqarr l-appellanta u tikkonferma l-verżjoni ta' Anthony Busuttil in kwantu kienet l-appellanta GATT li għamlet l-ewwel kuntatt magħha sabiex issir prokura u n-nutara stess tgħid li kienet Grace GATT li qaltilha għalxiex kellha ssir din il-prokura:

> Xhud: Grace Gatt ċemplitli li xtaqet tagħmel appuntament miegħi u ġie Anthony Busuttil...

91. Magħdud dan kollu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tqis li rriżulta ampjament ippruvat li l-prestazzjonijiet tal-appellanta lil Busuttil f'dan il-każ ma setgħux jiġu mwetqa legalment f'Malta u minn Malta u fi kwalunkwe każ, dak li setgħet għamlet għal Busuttil ma wassal mkien u għal ebda riżultat, u l-anqas jirriżulta li għamlet servizz effettiv tali skont kif kienet wegħdet u induċiet lil Busuttil jemmen li setgħet tagħmel. Għalkemm preżentat lilha nnifisha lil Busuttil bħala investigatur privat prim, Busuttil u l-avukati Frendo u Debono juru li t-tifel inġieb mhux grazzi għal dak ix-xogħol li l-appellanta offriet li tagħmel jew li qalet lil Busuttil li kienet kapaċi tagħmel u li se tagħmel jew li għamlet u li anke tħalset għalih; iżda t-tifel inġieb lura grazzi għall-isforzi magħmula minn Frendo, Debono, l-investigaturi privati barranin u l-Avukati barranin imqabda minn Busuttil u li ħadmu flimkien mal-awtoritajiet tal-pulizija u diplomatiċi fir-Repubblika Ċeka u dik Pollakka. F'dan ix-xogħol kollu, f'dawk il-vjaġġi u komunikazzjonijiet kollha u f'dawn l-isforzi li saru l-appellanta ma tidher imkien għajr f'xi laqgħat li saru f'Malta jew telefonati ma' Busuttil. Iżda Busuttil jikkontendi li l-ħlas ta' ħamest elef euro, u għaxart elef euro oħra, kienu saru lill-appellanta li pero, minkejja dak li wegħditu, minkejja dak li qaltu, u l-karta li tagħtu u l-prokura li ġagħlitu jiffirma, lit-tifel ma ġabitux Malta hi għax ma wetqitx is-servizzi hi filwaqt li żammet dawk il-flejjes għaliha u ma rritornatlu lura xejn minnhom, anke wara li talabhomlha speċifikament.

92. L-appellanta qalet li għamlet ħafna xogħol in konnessjoni mal-każ tat-tifel ta' Busuttil iżda fl-atti ma produċiet ebda prova oġġettiva dwar dan. Minn naħa tiegħu Busuttil isostni mhux biss li l-appellanta l-anqas biss marret Praga miegħu jew mal-avukati tiegħu, iżda talli l-anqas biss għamlet xi arranġament biex tmur. Anzi jgħid ukoll li l-anqas il-bagalja bil-karti ma fetħet. Għalkemm l-appellanta tammetti li ma laħqetx marret Praga, mill-banda l-oħra tistqarr li kienet analizzat id-dokumenti li kien għaddielha Busuttil u li anke tatu l-pariri tagħha dwar xi aspetti tagħhom.

93. Huwa minn għewl id-dinja li dawn il-proċeduri jeħtieġu li jsiru fi żmien qasir. Jeħtieġu li jsiru l-kuntatti barra minn Malta kemm jista' jkun malajr għax kull ġurnata, siegħa u minuta tgħodd, b'mod partikolari meta la Busuttil u l-anqas GATT ma kienu għadhom jafu fejn kien qiegħed it-tifel. Minkejja li GATT f'paġna 408 tax-xiehda tagħha tgħid li kienet qed tipprepara u għaddejja bil-komunikazzjoni mal-avukat fi Praga kif ukoll li riedet dik il-prokura biex tmur hemmhekk, mill-banda l-oħra ma jirriżultax li hija resqet xi prova li ssaħħaħ dawn l-allegazzjonijiet. Jekk xejn, il-prova tal-prokura li resqet, kienet datata 13 ta' Jannar 2016 – iġifieri fi żmien tard ħafna meta mqabbel mal-arranġamenti li kienu diġa laħqu saru minn Busuttil flimkien ma Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono. Biss biss jirriżulta li f'dik id-data Dr. Frendo kien diġa mar Praga almenu darbtejn biex jagħmel l-arranġamenti tiegħu. Iżda l-appellanta f'dan l-isfond ma dehret imkien. Daqskemm ma jirriżultax li l-appellanta aġixxiet konkretament – waħedha jew ma ħaddieħor – biex iġġib it-tifel Malta.

94. Anke meta l-appellanta kienet taf li ma kienetx se taħdem waħdeha, hi donna riedet tibqa' tipprova li taħdem waħedha. Iżda kien ċar li Busuttil ma riedhiex taħdem waħdeha u jekk xejn riedha taħdem man-nies l-oħra li kien qabbad. Konfrontata b'din is-sitwazzjoni, l-appellanta minflok waqfet ir-rapport kuntrattwali tagħha ma' Busuttil, anzi jirriżulta li mhux biss baqgħet f'kuntatt miegħu, talli f'paġna 71 tal-atti, isemmi wkoll laqgħa oħra li kellu mal-appellanta, fid-dar tal-ġenituri tagħha fin-Naxxar, fejn kienet preżenti wkoll dik il-persuna li għaraf li kienet marret tiġbor il-bagalja u ċ-ċekk. Din il-laqgħa saret wara l-episodju tal-bagalja, iżda wkoll fi żmien fejn Busuttil kien diġa inkariga lil Dr. Debono u Dr. Frendo u fejn dawn kienu diġa bdew bil-kuntatti tagħhom barra minn Malta; iżda kien ukoll fi żmien fejn skont Busuttil minn naħa ta' GATT kien għadu sar biss ħafna kliem iżda ftit fatti dwar kif kellu jiġi misjub ibnu u miġjub

lura Malta minn GATT. Busuttil itenni li kien inkwetat minħabba li t-tifel kien għadu jew mhux misjub, jew kien instab u reġgħu tilfuh. Kien għalhekk ukoll li, għal darb'oħra, l-appellanta offrietlu li ssiblu lit-tifel fil-kuntest li hija kienet 'private investigator' kapaċi. Matul din il-laqgħa fid-dar tal-ġenituri ta' l-appellanta, Busuttil jisħaq li hija kienet qaltlu li kienet se ssiblu lil ibnu. Bdiet tferrgħalu l-whisky, grokk ġo grokk, u baqgħet tippersisti miegħu li xogħolha kien li ssiblu t-tifel u li ta dan issa talbitu sebgħin elf euro! Busuttil kien lest joffrilha għoxrin elf euro u jgħid li l-appellanta aċċettathom. Il-mara s-samranija li kienet magħha rrimarkatlu li "issa jiġi għada u tinsa kollox". Minkejja dan il-ftehim pero, u minkejja li Busuttil jibqa' jisħaq li kien għaddielha wkoll dawk l-għaxart elef euro, Busuttil baqa' ma ra ebda riżultat konkret tax-xogħol li l-appellanta qalet li kienet lesta tagħmillu jew almenu ta' preparamenti konkreti f'dik id-direzzjoni.

95. Fil-fatt Busuttil jixhed kif minkejja l-kliem u l-ftaħir tal-appellanta miegħu li kienet se ġġiblu lil ibnu għax kienet kapaċi, l-appellanta ma kienetx irrendiet. Busuttil kien beda jissuspetta xi ħaġa ħażina fl-imġieba tal-appellanta meta beda jara li ma kellha ebda riżultat għalih minkejja l-flus li ħarġu. Ġara wkoll li Dr. Frendo kien irrimarkalu jekk l-appellanta kellhiex xi difett f'għajnejha peress li kien il-ħin kollu jaraha tpetpet għajnejha qisha tehmeż meta tkun qed tkelmu. F'paġna 72 Busuttil jgħid ukoll li Dr. Frendo kien wissieh li l-appellanta kienet tagħtu x'jifhem li issa li tħalset il-flus ma kienetx se trendi servizz. Dan kien wara li Busuttil kien qal li ħallasha l-għaxart elef euro. F'paġna 76 Busuttil jisħaq li qabel ma Dr. Frendo kien qallu dak id-diskors Busuttil kien diġa beda jidħollu s-suspett fuq l-appellanta; iżda f'dak il-mument huwa ħassu b'daharu mal-ħajt għax kien iddisprat biex jara kif se jġib lil ibnu lura. U b'hekk kien baqa' jara ftit jekk setgħetx verament tgħinu wkoll iġib lil ibnu lura.

96. Pero in-nuqqas ta' azzjoni u riżultat minn naħa tal-appellanta xpruna lil Busuttil biex jieħu xi forma ta' azzjoni meta huwa ddeċieda li ried jaqta' minn mal-appellanta u kif ukoll li ried flusu lura, ġaladarba ma rax xogħol konkret jew riżultat. Dan seħħ qabel ma kienu marru Praga, iżda l-appellanta ma riedetx trodd lura l-flus. Busuttil isostni li mal-appellanta qatt ma kienu saru arranġamenti biex tmur Praga kif ukoll li hija riedet taħdem waħedha. Iżda l-appellanta kienet taf ben tajjeb, kważi sa mill-bidu nett, li hi ma kienetx se taħdem waħedha. Dan peress li Busuttil stess kien involviha fl-azzjoni li kien ried jieħu bl-avukati Frendo u Debono. Iżda minkejja li kien ħallasha b'kollox total ta' ħmistax il-elf euro, Busuttil

ra li l-appellanta ma għamlet xejn u l-ħmistax il-elf ma riedetx ittihomlu lura.

97. Fil-fatt kemm Dr. Chris Frendo kif ukoll Dr. Edward Debono jisħqu li l-appellanta ma rrendiet ebda xogħol lil Busuttil, minkejja li kien qiegħed iħallasha l-flus. Fil-fatt l-anqas l-appellanta stess ma kienet f'qagħda li tippreżenta xi prova ta' xi riżultat konkret ottjenut bil-ħidma tagħha – jew prova oġġettiva ta' xogħol li hija wetqet in eżekuzzjoni tal-inkarigu li kien qabbadha Busuttil. Fil-fatt Dr. Frendo jispjega li huwa kien mar Praga darbtejn bejn Diċembru 2015 u Jannar 2016. Iżda l-appellanta ma marret qatt. Anzi jżid jgħid li Busuttil kien jistqarr miegħu li kien qiegħed jippreokkupa ruħu li l-appellanta mhix qed tgħinu. Dr. Frendo ma riedx jidħol fil-meritu tagħha. Iżda f'paġna 25 jgħid ukoll li Busuttil kien urih l-uniku dokument li kienet tagħtu l-appellanta sa' dak il-punt. Dan kien jikkonsisti fl-annex tal-Brussles Regulation li huwa ċertifikat li jintalab lill-Qorti tal-Familja u li kien għadu vojt u mhux mimli. Dr. Frendo intebaħ li dan ma kienx xogħol investigattiv iżda wieħed legali li kien diġa sar minnu u minn Dr. Debono. Iġifieri anke Dr. Frendo tħasseb meta ra dan in kwantu kien jaf li r-rwol tal-appellanta ma kienx dak legali iżda semmai wieħed investigattiv. U kwantu għal dan ix-xogħol investigattiv mill-appellanta hu ma kien ra ebda sforz jew riżultat. Hemm fejn huwa beda jissuspetta ħażin fl-appellanta.

98. F'paġna 27 Dr. Frendo jżid jgħid li huwa ltaqa' xi darbtejn mal-appellanta. Iżda f'dawn il-laqgħet kien innota, bl-għajnejn ta' ex spettur tal-Pulizija, li meta l-appellanta kienet titkellem hija kienet qisha tpetpet għajnejha bħal meta persuna tehmeż. Huwa nnota li meta hija kienet tagħmel hekk kienet qisha qegħda tibgħat messaġġ differenti minn dak li tkun qegħda tgħid. Dan huwa dettall importanti ħafna in kwantu hawnhekk, Dr. Frendo għamel din il-konstatazzjoni ta' fatt li tipperkwoti sew fuq l-imġieba tal-appellanta. Dwar dan il-fatt, l-appellanta tiċħad li kienet għamlet dawn il-ġesti. Iżda dan il-fatt, jekk emnut, ikun ifisser li Dr. Frendo kien qed jara b'għajnejh body language minn naħa tal-appellanta li, għal bniedem ta' sagaċja ordinarja, kien juri motiv qarrieq.

99. F'paġna 29 Dr. Frendo jirrakkonta episodju fejn f'laqgħa minnhom ġie diskuss xi jrid isir biex Busuttil iġib it-tifel lura wara li kien sar il-ground work kollu, u fejn allura r-rwol tal-appellanta kellu jinkludi dak li tkun preżenti fil-post fejn kien it-tifel flimkien ma Busuttil biex hekk kif il-minuri jkun ittieħed minn missieru, li dak iż-żmien kien akkwista l-kustodja legali tiegħu, hi bħala mara setgħet tkun ta'

konfort għat-tifel u jkunu jistgħu jżommuh kalm. L-appellanta interpretat dan bħala li kien se jkun xi forma ta' ħtif tat-tifel. Iżda skont Dr. Frendo dan ma kienx il-każ għax ma kienx jinvolvi manuvri illegali in kwantu Busuttil kien diġa fil-pussess tad-digriet konċedenti l-kustodja legali tal-minuri u x-xogħol ta' loġistika li kienu ħadu ħsieb jagħmluh kollu aġenzija barranija speċjalizzata f'dan il-qasam bl-isem CARI kien kollu lest. Kien x'kien, jidher li skont Dr. Frendo, l-appellanta uriet xi riżervi dwar dan il-pjan. Pero għalkemm riżervi jistgħu ikunu ġustifikati, dak li skont Dr. Frendo rriżulta waqt telefonata mal-appellanta ma kienx. Dr. Frendo jgħid li l-appellanta żiedet tgħidlu hekk:

> Kienet qaltli Chris inti avukat, qaltli ghandek x'titlef, qaltli dan li qed jitlob Anthony Busuttil huma gennati qaltli hadd ma jghamilhom qaltli dan xoghol riskjuz, qaltli m' ghadniex ghalfejn nghamluh. Qaltli dar- ragel mignun qaltli dan; u vera kien marid ghax kien ghadu kif recovered minn cancer. Qaltli kont naf li kien ghadu kif ghamel recovery minn cancer ghax kien qaltli. Qaltli dan amrid, qaltli qed jibla xeba pirmli; li vera kien qed jiehu hafna pirmli dak iz-zmien bejn bil-mard u d-dipression li kellu fis- sens mhux depression klinikament, bil- bil-stress li kellu fuqu; qaltli dan hallasna qaltli ahna l-flus hadnihom, qaltli u waqfet hemm disha trid tikkonkludi li ahna thallasna, qaltli ma nghamlux dal- affarijiet.... din kienet telefonata u niftakar ghaliex tant issorprendejt ruhi ghax ghidt mela din sewwa qeghdin nahsbu li m' hi ser tghamillu xejn. Kont qieghed Hal Far hdejnl- Airport l- antik, ftit il-barra mill-ufficijni tala Gava saveways tal-cleaning. Niftakar precizament fejn kont ghax kif qtajt ghidt daqn x' affarijiet huma?... d-data ma niftakariex pero zgur... in January 2016... jiena kellimt lil Anthony ghidtlu isma Anthony inti jekk ha, ghidtlu oqghod attent jekk ha tibqa titolbok il-flus. Ghidtlu ghax hekk hekk u hekk qaltli, ghidtlu jekk; qalli jien ga tghajtomla dawk l-ghaxar t'elef , tajta hmista; ghidtlu jekk tghajtomla, tghajtomla... ghidtlu imma make sure li issa tahdem imma. Ghidtlu tigi maghna ha tghina f' li jkun hemm bzonn.

100. Iżda minkejja dan u minkejja l-flus li Busuttil ħallas, l-appellanta ma pparteċipatx fil-mawriet li saru wara minn Dr. Frendo u Anthony Busuttil biex ikun jista' jinġieb lura l-minuri. Dan il-minuri inġieb lura Malta grazzi għall-fatt li Busuttil kellu d-digriet tal-kustodja legali. Eżatt kif l-eks sieħba ta' Busuttil kienet sejra taqbad ferrovija li mill-Polonja teħodha fil-Belarus, huma irnexxielhom, bl-intervent tal-Ambaxxatur Malti fil-Polonja jwaqfu l-ferrovija, iniżżlu lill-eks-sieħba ta' Busuttil minn fuqha, u jmorru l-Qorti tal-Polonja l-għada filgħodu fejn l-imħallef Pollakk awtorizza lil Anthony Busuttil biex jieħu miegħu lil minuri ibnu. Minn hemm imbagħad ġew lura Malta fil-bidu ta' Frar 2016.

101. Din ix-xiehda ta' Dr. Frendo hija importanti in kwantu turi li l-appellanta ma riedetx taħdem flimkien magħhom minkejja li kienet

tħalset il-flus.  Fil-fatt f'paġna 34, Dr. Frendo jżid jgħid li fil-laqgħat li kien ikollhom:

> Grace kienet dejjem qeghda tghid li hi ghandha l-esperjenza f' dax xoghol illi ghandha bzonn iz-zmien u ser iggib it-tifel, pero imbghad maz-zmien bdiet tghid, bdiet qisha mhux tbiddel l-verzjoni imma dejjem tqajjem kundizzjonijiet godda.  Meta qabbad il-cari qaltlu ara jien mmur Praga mhix problema qaltlu pero jiena wahdi irrid nahdem, qaltlu hallini nahdem wahdii u jkollok rizultat.  U jiena kone anke meta ltqajna u ghanilna l-meeting, ghidt isma la nafu fejn qeghda and we're keeping tabs, hed li irridu issa xi hadd li jghamel il- final push.  Ma nistghux nitilfu z-zmien; fis-sens ghalixiex ma tridx titla? Imqar tmur daqsejn rekon biex tara x'hemm u x'hemmx u tiehu feel tal-...ghax konna; meta ltqajna ghamilna l-pjan x'ha nghamlu; li se mmorru; u hu kien icemplilha ta spiss igifieri kieent taf, uzgur li kienet taf... kienet taf li er nergghu nitilghu u did- darba ser ingibuh zgur, pero ma gietx...
> .../...
> Pero dik nita nghid li ahna konna kulhadd qed jistenna lil Grace ser titla Praga biex iggib it-tifel; li ma ggibux naccetta ghaliex success m' hemmx garanzija heq pero tal inqas trid titla ghax jekk mhux ha titla, mhux tibda zgur ix-xoghol.

102.	Ix-xiehda ta' Dr. Edward Debono tikkonferma li meta Busuttil kien għamel kuntatt miegħu biex ikun jista' jgħinu professjonalment biex isiru l-arranġamenti legali biex iġib lura lil ibnu Malta, Busuttil **<u>kien diġa għamel</u>** il-kuntatti mal-appellanta.  Dr. Debono jikkonferma li huwa kien ħa ħsieb li jġib id-digriet tal-kustodja legali tal-minuri f'isem Anthony Busuttil.  Il-ġudizzju ta' Dr. Debono fir-rigward tal-appellanta mill-ewwel kien wieħed ċar daqskemm sever meta f'paġna 44 jixhed li meta darba minnhom kienu marru għal laqgħa fid-dar tiegħu u kienet ukoll preżenti l-appellanta jgħid li:

> Jiena mal- ewwel irealizzajt li dina l-persuna hija quack u...Din m' hijiex private investigator xejn, m'ghamlitlu xejn dan... din ir-rwol tghha kellu jkun biex issiblu t-tifel fejn hu u iifblu dat-tifel mic-Czech Republic 'l hawn.  Jien malli malli kellimtha f'dik l-okkazjoni, iktar minn darba kellimtha, pero ejja nghidu dik l-okkazjoni li gew id-dar tieghi ... filghaxija, irealizzajt li din assolutament qed todghos u qed taqdef u m ghandha l-ebda konjizzjoni...xejn, ghax bdiet tghidlu illi iva hu beda jinsisti magha li ghandha tmur hemm hekk issib, tghamel il- kuntatti mal- kuntatti taghha barra biex iggiblu dan it-tifel... gewwa c-Czech Republic... u dan ma sar assolutament xejn.  Nad li sa dak iz-zmien kien qalli li kien taha xi hamest elef ewro.

103.	Dr. Debono imbagħad a fol 51 jixhed li meta raw li l-appellanta ma kienet għamlet xejn f'Diċembru 2015 hu kien ħa ħsieb li jqabdu mal-avukati Richard Touron fir-Repubblika Ċeka u Gessel Kosjurowski fil-Polonja. Dr. Debono għamel appuntament mal-avukat Touron fil-bidu ta' Jannar 2016 fejn kienu allura marru hu

flimkien ma Busuttil u Dr. Chris Frendo. Kien Touron li qabbad investigatur privat hemmhekk lil Busuttil u kien dan l-investigatur privat li sab lit-tifel. Sadattant waqt li qed isiru dawn l-arranġamenti u movimenti fir-Repubblika Ċeka, Dr. Debono jgħid li l-appellanta ma kellha ebda involviment jew parteċipazzjoni fihom. Igħid hekk:

> Qorti: fix- kienet involuta f'dawn il-
> Xhud: xejn xejn zero. Zero. Ghalhekk jiena bdejt nghidlu illi din qed tisirqu. Jien ghidtlu kemm il-darba. Darba, darbtejn, tlieta...qed tisirqu. All right, u sadanittant sirt naf illi din talbitu ghaxart elef ohra. All right, u ... l-ewwel hamest elef, imbagahd mhux ghax rajthom ghaddejjin, ghax qalli hu dejjem e; igifieri ha naghmilha cara, qalli u filfatt kelli jiena nghamel procedura sussegwenti, hemm ittra ufficjali ma nafx jekk qeghdin ghandek, 166A fejn nitlob il flus lura ta' dawn il-flus li kien ghaddielha, ghax m' ghamlitlu xejn.

104. Dr. Debono jirrakkonta wkoll episodju li kien seħħ meta kienu ltaqgħu darb'oħra viċin id-Depot tal-Pulizija u waqt li kienu fil-karozza sejrin lura d-dar, l-appellanta kienet irrimarkatlu li Anthony Busuttil ried li jaħtaf lit-tifel mir-Repubblika Ċeka u kien se jdaħħalhom f'baħar inkwiet. Hi minn naħa tagħha kienet qegħda tissuġġerixxi li taħdem hi biex iġġib lit-tifel hi bil-**private investigators** tagħha. F'paġna 54 jgħid li l-appellanta kienet qed tgħid li se tmur ir-Repubblika Ċeka, se jkollha n-nies tagħha hemm hekk u ser iġġibu lura lit-tifel. Biss ma qaltlihomx b'liema proċedura kienet se tmexxi. Iżda imbagħad ġara li xi ħmistax il-jum wara grazzi għall-kuntatti li kienu għamlu huma, flimkien mal-Ambaxxatur Malti fil-Polonja, mhux biss kienu sabu lit-tifel ta' Anthony Busuttil talli kienu tawh lura lit-tifel u ġew lura Malta bih.

105. Filwaqt li fil-bidu u f'nofs Jannar kienu għaddejjin dawn il-manuvri minn naħa ta' Dr. Frendo, Dr. Debono u l-kuntatti li huma għamlu fir-Repubblika Ċeka u fil-Polonja, l-appellanta kienet ħadet l-inizjattiva li tikkonvinċi lil Busuttil biex itiha "prokura speċjali" biex tirrappreżentah. Din il-prokura rilaxxjata minn Busuttil lil GATT fit-13 ta' Jannar 2016 allura kienet saret madwar **xahar u nofs** wara li kien inħataf it-tifel ta' Busuttil lejn l-aħħar ta' Novembru 2015; mentri Busuttil jgħid li **madwar jumejn wara** li nħataf dan it-tifel kienet għamlet l-ewwel kuntatt miegħu l-appellanta kif ġie spjegat qabel. Iġifieri l-appellanta ħalliet xahar u nofs biex issuġġeriet dik il-prokura; u meta saret dik il-prokura, hija kienet għadha la qatt marret Praga u l-anqas tirriżulta prova oġġettiva, sal-grad tal-probabbli, li turi li hija verament kienet għamlet xi kuntatti fir-Repubblika Ċeka biex ikun jista' jinstab dan it-tifel jew jinġieb lura – u dan f'kuntest fejn hija kienet qegħda tgħidilhom li riedet taħdem waħedha u bin-nies

taghha. Dan kollu jrid jittieħed fl-isfond tal-vulnerabilita li kien jinsab fiha Anthony Busuttil f'dak iż-żmien. Jirriżulta li Busuttil kien għaddej minn trawma u kien lest li jiggranfa ma kull tibna li setgħet tgħinu jasal li jsib lil ibnu u jġibu lura.

106. Busuttil kien allura f'sitwazzjoni suġġestjonabbli immens u ingaġġja lill-appellanta li preżentat ruħha bħala 'a private investigator, she's very good'. Saħansitra fl-iżjed mument ta' vulnerabilita, sabiex isaħħaħ din il-kunfidenza fil-parte leża, l-appellanta għaddietlu numru ta' persuna li kellu jservi ta' referenza għaliha, peress li skontha dan seta' jikkonfermalu min kienet u x'kienet tagħmel. Il-parte leża stess jgħid li kien ċempel dan in-numru għall-konferma. Għalkemm m'hemmx prova ta' dak li ntqal lil Busuttil meta ċempel dan in-numru u min setgħet kienet din il-persuna li serviet ta' referenza għall-appellanta, jirriżulta li din it-telefonata serviet għall-iskop li riedet Grace GATT għaliex il-parte leża baqa' f'kuntatt magħha u sa wasal biex afdaha u għaddielha flejjes kbar.

107. Iżda anke l-fatt innifsu li l-appellanta talbet li tinħareġ il-prokura favur tagħha setgħet titqies mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala parti minn dawn l-artefizji. Kif intqal, din il-prokura saret fit-13 ta' Jannar 2016, u allura fi stadju fejn ix-xogħol li kienu għamlu Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono, inkluż tramite s-servizzi tal-avukati fir-Repubblika Ċeka u l-Polonja nonche tramite s-servizzi ta' investigaturi privati barranin li ħadmu f'dawk il-pajjiżi kienu avvanzati ferm. Kienet allura prokura magħmula fi stadju fejn l-appellanta kienet diġa taf bil-pjanijiet li kienu saru minn Dr. Frendo, Dr. Debono u l-kollaboraturi tagħhom mhux biss biex jiġi rintraċċjat iżda wkoll sabiex jinġieb it-tifel lura Malta. F'dik id-data dawn l-arranġamenti, li fihom l-appellanta ma kellhiex sehem, kienu diġa bdew iħallu l-frott tagħhom. Iżda minkejja dan l-appellanta ħasbet li tikseb dik il-prokura mingħand Busuttil xorta waħda.

108. L-appellanta tibqa' ssostni li hija kienet irrendiet servizz lil Busuttil, iżda dan kien marbut mal-Hague Convention. Tgħid li kienet ħaditu l-Hague Department Malta biex jaraw kif jiftħu dawn l-affarijiet, peress li hija riedet tidherlu għall-proċeduri taħt il-Hague Convention. L-appellanta ssostni li hija ma kienetx tħalset u li kienet lesta li tibda titħallas wara li kienet saret il-prokura peress li issa kienu lestew l-invoices. Imbagħad tgħid li kienet qegħda tippreparalu biex jitilgħu għax f'daqqa waħda kienet irċeviet xi tip ta' hearing. Qaltlu biex iħalsilha "l-flight u nitla, aw u l-accommodation

u nitilghu”.  Iżda l-appellanta tikkonferma li qatt ma telgħet Praga jew imkien ieħor fuq dan l-inkarigu ta’ Busuttil.  Anzi tgħid li kien Busuttil li kien iddeċieda li jagħmel il-prokura u din mar jagħmilha minn jeddu. Iżda kif intwera iżjed il-fuq dwar dan il-punt l-appellanta ġie imgidba kemm minn Busuttil kif ukoll min-Nutara li kitbitha stess.

109. Iżda kontra dak li tgħid l-appellanta din il-prokura l-anqas ma kienet biss prokura ad litem quddiem il-Qrati ta’ Malta, Repubblika Ċeka, ir-Russja u l-Ġermanja kif tippretendi li kien ir-rwol tagħha l-appellanta.  L-anqas ma kienet prokura marbuta mal-proċedura stabbilita bil-Hague Convention.  Dik il-prokura kienet maqsuma f’erba’ partijiet.  L-ewwel parti hija dik fejn Anthony Busuttil iqabbad lil Grace GATT bħala prokuratriċi speċjali tiegħu.  Dik il-parti ma tippreskrivi ebda limitazzjoni għall-poteri konferiti lilha.

110. Imbagħad fit-tieni parti tal-prokura, Anthony Busuttil jispeċifika fir-rigward ta’ xiex kien kien qiegħed iqabbad lil Grace GATT bħala “special attorney”.  Din il-parti tal-prokura tgħid hekk:

> Grace Gatt shall be my special attorney in relation to matters concerning the following individuals:
> 1) My son Adam Busuttil
> 2) My partner Larisa Leontieva
> 3) And any other person who is involved in the abduction of my son Adam Busuttil or who has cooperated in any way directly or indirectly to the said abduction or any other person who has knowledge of his whereabouts

111. Huwa mbagħad fil-paragrafu ta’ wara li Anthony Busuttil jawtorizza (ukoll) lil Grace GATT sabiex tidher għalih f’kull proċedura legali, li tiffirma u tamministra inkartamenti u tattendi għal seduti, quddiem awtoritajiet, avukati, pulizija u kwalunkwe persuna oħra “who shall assist to find my son”.

112. L-aħħar paragrafu huwa ffukat fuq l-aspett ekonomiku  rigward ħlasijiet ta’ spejjeż, drittijiet eċċetra.

113. Iġifieri dan ifisser li l-prokura ma kienetx ristretta biss għall-fini ta’ rappreżentanza legali jew ġudizzjarja quddiem Qrati f’Malta jew barra minn Malta.  Din il-prokura speċjali kienet tawtorizza lil Grace GATT sabiex taġixxi ta’ “prokuratriċi speċjali” f’materji li jirrigwardaw lil ibnu Adam, seħibtu Larisa Leontieva u kwalunkwe persuna oħra li kien involut fil-ħtif t’ibnu jew li kkopera direttament jew indirettament f’dan il-ħtif jew kwalunkwe persuna oħra li kellu tagħrif dwar fejn kien

setgħa jinsab dak it-tifel. Inoltre, f'dik il-parti fejn awtorizza lil GATT tidher f'ismu quddiem qrati u awtoriatjiet – u li allura ma hemmx distinzjoni jekk hux f'Malta jew ukoll barra minn Malta – ikkonferixxa wkoll is-setgħa lil GATT li tidher u titkellem u taġixxi ma kull persuna "who shall assist to find my son".

114. B'din il-prokura, Grace GATT ottjeniet dokument t'awtorizzazzjoni biex taġixxi f'isem Busuttil biex ikun anke jista' jsir xogħol fejn tinkiseb informazzjoni u tagħrif dwar il-movimenti u fejn ikunu ibnu Adam, seħibtu Larisa Leontieva u kwalunkwe persuna oħra li kien involut fil-ħtif t'ibnu jew li kkopera direttament jew indirettament f'dan il-ħtif jew kwalunkwe persuna oħra li kellu tagħrif dwar fejn kien setgħa jinsab dak it-tifel; u dan mingħajr distinzjoni jekk hux f'Malta, minn Malta jew barra minn Malta. Dawn huma mansjonijiet li kjarament jaqgħu fil-parametri ta' dak li jkun meħtieġ li jsir minn investigatur privat. Iġifieri anke l-prokura innifisha hija dokument li permezz tagħha GATT tikkonferma li setgħet taġixxi f'isem Busuttil anke bħala investigatur privat għalih – anke jekk kif intqal – għal tali xogħol minn Malta jew f'Malta hija ma kienetx liċenzata biex tagħmlu.

115. B'dak id-dokument f'idejha l-appellanta issa allura saħħet idejha fil-konfront ta' Busuttil, għalkemm fil-verita, kif jixhdu wkoll kemm Dr. Frendo kif ukoll Dr. Debono, hija ma kienet għadha għamlet xejn konkret biex jinġieb it-tifel lura Malta bl-intervent tagħha u f'dak l-istadju allura r-rilevanza u l-importanza tagħha kienet naqset konsiderevolment. Biss Busuttil xorta waħda iffirma dik il-prokura u f'paġna 84 tal-atti jixhed li huwa mar għand in-nutar, ma qagħadx iħares lejn id-dati, imma qabad u ffirma. Fatt li għal darb'oħra juri f'liema disperazzjoni kien jinsab fiha dan ir-raġel li kien lest jaqbad ma kull tarf biex jipprova jġib lura lil ibnu, mingħajr ma jaħsibha sew qabel jiffirma dokumenti. Minkejja li huwa f'dak il-punt kien diġa jaf sew li GATT ma kienetx ħadet sehem fl-arranġamenti li kienu saru mal-avukati barranin u mal-investigaturi privati barranin li ġew imqabdin biex jirrintraċċjaw lit-tifel u jsiru l-proċeduri legali biex jinġieb, hu xorta waħda iffirma dik il-prokura u dan minkejja s-suspetti li jgħid li kellu fl-appellanta.

116. Huwa daqstant ieħor evidenti li l-involviment ta' GATT f'dak l-istadju li saret fih il-prokura kien jassumi anqas rilevanza; iżda minkejja dan pero GATT kienet diġa tħalset – almenu fiċ-ċert fl-ammont ta' ħamest elef euro maħruġ fis-6 ta' Diċembru 2015 u li kien imsarraf fid-9 ta' Diċembru 2015 – u Busuttil jisħaq li ħallas għaxart

elef euro oħra kontanti - għal servizz li pero ma rrendietx. B'dik il-prokura iffirmata li issa kellha f'idejha, l-appellanta kellha dokument li juri li hi kellha delega speċjali minn Busuttil, u allura ħolqot alibi għal dak li qalet li għamlet u li kellha tagħmel. Tant hu hekk li anke f'dawn il-proċeduri, produċiet din il-prokura bħala prova tat-teżi difensiva tagħha.

117. Pero mhux biss Busuttil li jsostni li Grace GATT ma għamlet xejn konkret fil-każ tiegħu ħlief gideb akkumpanjat u amplifikat minn apparat estern ta' artefizji. Anke Dr. Chris Frendo u Dr. Debono jsaħħu din it-teżi ta' Busuttil, kif intwera iżjed il-fuq. Dawn jikkonfermaw li minn dak li huma raw u kienu involuti fih, l-intenzjoni ta' GATT ma kienetx ġenwina b'mod li tgħin lil Busuttil iġib it-tifel tiegħu lura, iżda għall-kuntrarju li l-intenzjoni tagħha kienet qarrieqa fis-sens li teħodlu l-flus mingħajr ma troddlu lura ebda xogħol jew riżultat konkret.. L-appellanta tagħti x'wieħed jifhem li hija kellha problema bil-metodi li kienu se jiġu użati minn Busuttil biex iġib lura lil ibnu peress li hija kienet qed tinterpretahom bħala ħtif tat-tifel minn Busuttil. Iżda dan ma kienx korrett. Mhux minnu li t-tifel kien sejjer jinħataf illegalment. Kif spjegaw Dr. Chris Frendo u Dr. Edward Debono, huma setgħu jaġixxu biss ladarba Anthony Busuttil kellu f'idejh digriet maħruġ mill-Qrati Maltin li jagħraf il-kustodja tiegħu skont il-Liġi. Dan il-proċess kien beda tramite l-intervent ta' Dr. Debono li anki kien laħaq ottjena d-digriet qabel ma t-tifel inġieb b'suċċess lura Malta – inkluż bl-intervent tal-awtoritajiet tal-Pulizija fir-Repubblika Ċeka u dik Pollakka, nonche l-intervent tal-Ambaxxatur Malti fil-Polonja u eventwalment anke l-intervent tal-Imħallef Pollakk li awtorizza lil Busuttil biex jieħu miegħu lil ibnu Adam. Dawn l-arranġamenti li kienu qegħdin isiru kienu inġiebu għall-konjizzjoni ta' GATT u dwar dan Busuttil, Frendo u Debono jaqblu. B'hekk ħadd minnhom ma kien sejjer jipparteċipa fi ħtif illegali tat-tifel kif sostniet l-appellanta biex bħal speċi turi d-dissens tagħha u forsi anke forma ta' spjegazzjoni ta' għalfejn hija qatt ma għamlet xejn minn dak li kienet offriet illi tagħmel u għal dak li tħalset minn Busuttil.

118. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis li lanqas m'għandha raġun l-appellanta li tapplika l-insenjamenti tal-kawża **Il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole** għal fattispeċje in diżamina. F'dan il-każ, il-kwistjoni bejnha u Busuttil ma kienetx waħda sempliċiment ta' xi dejn ċivili jew disgwid kontrattwali fejn l-appellanta baqgħet inadempjenti. Bejn l-appellanta u Busuttil ma kien hemm ebda diżgwid kontrattwali. Busuttil qabbadha biex taġixxi ta' investigatur privat. L-appellanta

kienet taf li ma setgħetx legalment taġixxi ta investigatur privat, almenu minn Malta u f'Malta, fis-sens spjegat iżjed il-fuq. Minkejja dan għamlet il-kuntatt inizzjali ma' Busuttil u rnexxielha tottjeni l-ingaġġ mingħandu. Irnexxielha tikkonvinċih itiha ħamest elef euro u bagalja dokumenti li hi tgħid li analizzat. Tgħid ukoll li għamlet xi kuntatti barra minn Malta. Iżda prova oġġettiva ta' dan ma hemmx daqskemm ma hemm ebda prova oġġettiva li, ta' dawk il-flus li rċeviet irrendiet xi servizzi partikolari oħra għajr ħlief dawk li xehdet dwarhom u li, kif intwera, kienu servizzi ta' investigazzjoni privata jew l-offerta tagħhom f'Malta jew minn Malta fis-sens spjegat iżjed il-fuq. Kienet taf li Busuttil kien qabbad nies oħrajn u hi kienet qalet li riedet taħdem waħedha bin-nies tagħha. Kienet taf li dan ma kienx possibbli, iżda minflok waqfet hemm, ikkonvinċiet lil Busuttil biex itiha għaxart elef euro oħra biex issiblu u ġġiblu lil ibnu. U anke hawn ma rrendiet ebda riżultat. Ma għamlet ebda azzjoni konkreta biex jinstab u jinġieb Malta dan it-tifel, minkejja l-importanza li dan kien ifisser għal Busuttil. Dr. Chris Frendo jixhed ukoll id-diskors li kienet qaltlu l-appellanta dwar l-istat mentali ta' Busuttil u l-fatt li tagħtu x'jifhem kemm li issa li tħalset ma kienetx se trendi kif ukoll l-imġieba tagħha meta kienet tkelmu b'mod li tehmżu u li allura fehem li dak li kienet qed tgħid ma kienx jaqbel ma dak li verament kienet tintendi. Il-ġudizzju ta' Dr. Debono dwarha mill-ewwel kien wieħed ċar ossija li l-appellanti kienet "quack" u li minn dak li qalet quddiemu deherlu ċar li kienet qegħda "togħdos". Frendo u Debono qablu li l-appellanta kienet qegħda tidħaq b'Busuttil f'mument fejn kien mill-aktar vulnerabbli u suġġestjonabbli. Busuttil intebaħ, iżda rriżulta wisq dgħajjef biex jieħu azzjoni konkreta u ma jħallix lil min jidħaq bih.

119. Dan allura jikkwalifika dan l-aġir tal-appellanta li, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' kwalifiki foloz, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila (u allura fejn preżentat ruħha ta' investigatur privat meta ma kienetx liċenzata biex tagħmel dan f'Malta u biex b'hekk topera wkoll minn Malta jew f'Malta), u fejn allura taħt din il-vesti għamlet qligħ bi ħsara ta' Anthony Busuttil minkejja li ma setgħetx legalment tippresta dawk is-servizzi minn jew f'Malta; u agħar minn hekk naqset milli tippresta s-servizzi tagħha barra minn Malta kif kienet ukoll ikkonvinċiet bil-kliem u l-egħmil lil Busuttil li kienet se tagħmel u minkejja li kienet tħalset ammont ta' flus qawwi li wara ma riedetx l-anqas tirritornahom lura.

120. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanta għal din

l-ewwel imputazzjoni, bit-tieni imputazzjoni ma tkunx tirriżulta in kwantu ngħatat alternattivament.

**Ikkunsidrat**

121. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

122. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti

retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal- Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

123. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell

fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

124. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda li taqa' fil-parametri preskritti mil-Liġi u lanqas ma hija manifestament eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**